IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.12.2016
COM(2016) 819 final

2016/0412 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska**

{SWD(2016) 468 final}
{SWD(2016) 469 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Waħda mill-motivazzjonijiet ewlieni tal-attività kriminali huwa l-gwadann finanzjarju. Għaldaqstant it-tneħħija tal-profitt mill-attività kriminali u l-iżgurar li "il-kriminalità ma tħallix qligħ" huma mekkaniżmu effettiv ħafna fil-ġlieda kontra l-kriminalità. Il-konfiska tal-assi ġġenerati minn attivitajiet kriminali għandha l-għan li tipprevjeni u tiġġieled il-kriminalità, inkluża l-kriminalità organizzata, tagħti kumpens lill-vittmi, u tipprovdi fondi addizzjonali biex jerġa' jsir investiment fl-attivitajiet ta' infurzar tal-liġi jew f'inizjattivi oħra ta' prevenzjoni tal-kriminalità u biex jiġu kkumpensati l-vittmi. L-iffriżar u l-konfiska tal-assi huma wkoll għodda importanti għall-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. L-attakki terroristiċi fl-2015 u fl-2016 fl-Unjoni Ewropea u lil hinn jenfasizzaw il-ħtieġa urġenti għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu. L-isfida għat-tfixkil tal-finanzjament tat-terroriżmu u r-rabta mill-qrib tiegħu ma' netwerks ta' kriminalità organizzata teħtieġ azzjoni determinata, rapida u koeżiva biex tiġi mmodernizzata l-leġiżlazzjoni rilevanti, tiġi żgurata l-implimentazzjoni tagħha u l-kooperazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri u pajjiżi oħrajn.

L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà tat-28 ta' April 2015[1] tenfasizza l-ħtieġa għal miżuri biex jindirizzaw il-finanzjament tat-terroriżmu b'mod aktar effettiv u komprensiv. Waħda mill-prijoritajiet identifikati kienet it-tfixkil ta' netwerks kriminali organizzati u tal-modi kif jiġu ffinanzjati. F'dan il-kuntest l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà qiegħdet ukoll l-importanza strateġika mal-ħtieġa biex ikun hemm titjib fir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska.

Riċerka reċenti[2] tistma li s-swieq illeċiti fl-Unjoni Ewropea jiġġeneraw madwar EUR 110 biljun, jiġifieri madwar 1% tal-PDG tal-UE fl-2010. Madankollu, u għalkemm l-istatistika eżistenti hija limitata, l-ammont ta' flus li attwalment qed jiġi rkuprat minn rikavat tal-kriminalità fl-UE huwa biss proporzjon żgħir: 98.9% tal-profitti kriminali stmati ma jiġux ikkonfiskati u jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-kriminali. Reġim ta' rkupru tal-assi li jiffunzjona huwa prerekwiżit jekk aktar assi kriminali jridu jiġu ssekwestrati. Dan jinkludi qafas ta' rikonoxximent reċiproku effiċjenti għal ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska. Għalkemm teżisti leġiżlazzjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska fil-livell tal-UE, din hija inkonsistenti, skaduta, u tħalli lakuni li jistgħu jiġu sfruttati mill-kriminali. L-importanza tal-konfiska tal-assi kriminali ġiet rikonoxxuta mill-Unjoni Ewropea. Wara l-adozzjoni fl-1999 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere, ġew adottati erba' strumenti leġiżlattivi dwar l-iffriżar u l-konfiska bejn l-2001 u l-2006, inklużi żewġ strumenti ta' rikonoxximent reċiproku, li għadhom kollha (tal-anqas f'partijiet) fis-seħħ illum[3].

---

[1] COM (2015)185 finali. Ara wkoll il-Komunikazzjoni dwar Azzjoni fuq l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà biex jiġi miġġieled it-terroriżmu u titwitta t-triq lejn Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina (COM(2016) 230 finali, p. 13).

[2] Europol, L-irkupru tal-assi kriminali fl-UE, Stħarriġ ta' Informazzjoni Statistika 2010-2014, Sejbiet ewlenin, p.4; ara wkoll Ir-rapport tal-Portafoll tal-Kriminalità organizzata, 2015, Minn Swieq Illegali għal negozji leġittimi: il-portafoll tal-kriminalità organizzata fl-Ewropa, http://www.ocportfolio.eu/.

[3] Ara t-Taqsima 3.3.dwar il-qafas legali tal-UE.

B'mod parallel, twettqu sforzi biex jiġu msaħħa l-identifikazzjoni u r-rintraċċar tar-rikavat u tal-mezzi strumentali tal-kriminalità. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI[4] tipprevedi t-twaqqif tal-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi fl-Istati Membri kollha.

Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-konfiska ngħatat prijorità strateġika fil-livell tal-UE bħala strument effettiv għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Id-Direttiva 2014/42/UE tistabbilixxi regoli minimi komuni fir-rigward tal-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea.

Fl-adozzjoni tad-Direttiva 2014/42/UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, f'dikjarazzjoni konġunta, stiednu lill-Kummissjoni "*tippreżenta proposta leġiżlattiva dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska fl-eqreb opportunità possibbli (...) billi tikkunsidra l-ħtieġa li ddaħħal fis-seħħ sistema komprensiva għall-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat u l-mezzi strumentali tal-kriminalità fl-UE*"[5]. Din is-sejħa ġiet ripetuta f'diversi okkażjonijiet fil-kuntatti bilaterali u l-laqgħat tal-esperti.

F'din id-dikjarazzjoni konġunta, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill talbu wkoll lill-Kummissjoni biex tanalizza l-fattibbiltà, l-opportunità u l-benefiċċji possibbli tal-introduzzjoni ta' regoli komuni dwar il-konfiska mhux ibbażata fuq kundanna billi jiġu kkunsidrati d-differenzi bejn it-tradizzjonijiet legali u s-sistemi tal-Istati Membri. Bil-ħsieb li twassal din l-analiżi, il-Kummissjoni organizzat laqgħat tal-esperti f'Settembru u f'Novembru 2016. Hija għandha l-ħsieb li toħroġ l-analiżi tal-fattibbiltà fl-2017.

Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-2 ta' Frar 2016 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar "*Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu*"[6], il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa biex jiġi żgurat li l-kriminali li jiffinanzjaw it-terroriżmu jiġu mċaħħda mill-assi tagħhom. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li ssaħħaħ ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska tal-assi tal-kriminali sal-aħħar tal-2016. Ġie enfasizzat li r-"*rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji huwa element ewlieni fil-qafas tas-sigurtà*".

F'Ottubru 2016, il-Parlament Ewropew, fil-kuntest ta' rapport ippreżentat mill-MPE Laura Ferrara dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, għal darb'oħra talab lill-Kummissjoni tressaq proposta dwar it-tisħiħ tar-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska[7].

L-inizjattiva attwali hija reazzjoni għan-nuqqasijiet identifikati tal-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku eżistenti[8] u għal dawn it-talbiet. Din tibni fuq leġiżlazzjoni tal-UE eżistenti dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska u tindirizza l-fatt li l-Istati Membri żviluppaw forom ġodda ta' ffriżar u ta' konfiska tal-assi kriminali. Din tikkunsidra wkoll l-iżviluppi fil-livell tal-UE, inklużi l-istandards minimi għal ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska stabbiliti fid-Direttiva 2014/42/UE. Billi d-Direttiva ttejjeb il-possibbiltajiet domestiċi għall-iffriżar u l-konfiska tal-assi, il-proposta għandha l-għan li

---

4 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2007 dwar il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi tal-Istati Membri fil-qasam tar-rintraċċar u l-identifikazzjoni ta' rikavati mill-kriminalità, jew proprjetà oħra relatata magħha (ĠU L 332, 18.12.2007, p. 103).

5 Dokument tal-Kunsill 7329/1/14 REV 1 ADD 1. Fir-rapport finali tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2013, il-Kumitat Speċjali għall-Kriminalità Organizzata tal-Parlament Ewropew sejjaħ ukoll għal leġiżlazzjoni Ewropea li tipprovdi għall-implimentazzjoni sħiħa tal-istrumenti eżistenti tar-rikonoxximent reċiproku u l-infurzar immedjat tal-ordnijiet ta' konfiska, ara http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P7-TA-2013-0245+0+DOC+XML+V0//MT

6 COM (2016)50 finali, Kapitolu 1.3

7 Ir-Rapport Ferrara adottat minn LIBE fis-7 ta' Ottubru 2016

8 Ara t-Taqsima 4 tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

ttejjeb l-infurzar transfruntier tal-ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska. Flimkien, iż-żewġ strumenti għandhom jikkontribwixxu għall-irkupru tal-assi effettiv fl-Unjoni Ewropea.

- **Konsistenza mal-qafas legali tal-UE eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-qafas legali tal-UE attwali jikkonsisti minn ħames strumenti prinċipali. Barra mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI dwar ir-rintraċċar tal-assi, tnejn minnhom huma strumenti ta' rikonoxximent reċiproku u tnejn huma miżuri ta' armonizzazzjoni. Iż-żewġ tipi ta' strumenti huma meħtieġa sabiex ikun hemm reġim ta' rkupru ta' assi kriminali li jiffunzjona u dawn jikkumplimentaw lil xulxin.

**Strumenti ta' rikonoxximent reċiproku**:

**Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/577/ĠAI** tat-22 ta' Lulju 2003 dwar it-twettiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza[9] u d-**Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠA**I tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska[10] għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-irkupru ta' assi f'każijiet transfruntiera.

Iż-żewġ Deċiżjonijiet Kwadru huma bbażati fuq il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u jaħdmu b'mod simili. Iż-żewġ strumenti jitolbu li ordnijiet ta' ffriżar jew ta' konfiska maħruġa fi Stat Membru wieħed jiġu rikonoxxuti u eżegwiti fi Stat Membru ieħor. L-ordnijiet huma trażmessi flimkien ma' ċertifikat lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni li jridu jirrikonoxxuhom mingħajr formalità ulterjuri u jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni tagħhom.

Ir-rikonoxximent reċiproku ma jistax jiġi rrifjutat minħabba nuqqas ta' kriminalità doppja għal lista ta' reati punibbli b'tal-anqas tliet snin ta' priġunerija fl-Istat emittenti. F'każijiet oħrajn, ir-rikonoxximent jista' jiġi rrifjutat jekk ir-reat relatat mal-ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska mhuwiex reat kriminali skont il-liġijiet tal-Istat ta' eżekuzzjoni. Id-Deċiżjonijiet Kwadru jippermettu raġunijiet oħrajn għal rifjut f'ċerti sitwazzjonijiet. Dawn iż-żewġ Deċiżjonijiet Kwadru għandhom jiġi sostitwiti bi strument wieħed uniku - ir-Regolament propost.

**Miżuri ta' armonizzazzjoni:**

**Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/ĠAI** tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-konfiska ta' rikavati, mezzi strumentali u proprjetà[11] tirrikjedi li l-Istati Membri kollha jimplimentaw miżuri effettivi li jippermettu l-konfiska ordinarja ta' mezzi strumentali u rikavati kriminali għar-reati kriminali kollha punibbli b'detenzjoni minn tal-anqas sena waħda. Din introduċiet ukoll dispożizzjonijiet dwar il-konfiska estiża. Madankollu, il-livell ta' armonizzazzjoni introdott b'dan l-istrument kien ferm baxx, u ma neħħiex id-diversità tar-reġimi ta' konfiska legali nazzjonali.

**Id-Direttiva 2014/42/UE** tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-UE[12] kellha tiġi implimentata mill-Istati Membri sa Ottubru 2016. Din tissostitwixxi ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/ĠAI. Filwaqt li d-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI tkompli tapplika għar-

[9] ĠU L 196/45 tat-2.8.2003. Ta' min jinnota li fir-rigward tal-iffriżar biex tiġi salvagwardjata l-evidenza, id-Deċiżjoni Kwadru 2003/577/ĠAI tinbidel bid-Direttiva 2014/41/UE dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew.

[10] ĠU L 328/59 tal-24.11.2006

[11] ĠU L 68/49 tal-15.3.2005

[12] ĠU L 127/39 tad-29.4.2014.

reati kriminali kollha punibbli b'detenzjoni ta' mill-anqas sena waħda, fir-rigward tal-konfiska ordinarja, id-Direttiva setgħet tkopri biss l-hekk imsejħa Eurocrimes[13].

Id-Direttiva 2014/42/UE tistabbilixxi regoli minimi għal reġimi ta' ffriżar u ta' konfiska nazzjonali: din tirrikjedi konfiska ordinarja u ta' valur għal Eurocrimes, inkluż fejn il-kundanna tirriżulta minn proċedimenti in absentia. Din tipprovdi regoli għal konfiska estiża soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet. Din tippermetti wkoll il-konfiska f'każ fejn ma tkunx possibbli kundanna minħabba li l-persuna ssuspettata jew akkużata tkun marida jew tkun ħarbet. Id-Direttiva tippermetti wkoll għall-ewwel darba l-konfiska ta' assi fil-pussess ta' partijiet terzi. Finalment, id-Direttiva tintroduċi għadd ta' salvagwardji proċedurali[14], bħal ma huwa d-dritt li persuna tkun infurmata dwar l-eżekuzzjoni tal-ordni tal-iffriżar inkluż, tal-inqas fil-qosor, dwar ir-raġuni jew ir-raġunijiet; il-possibbiltà effettiva li l-ordni ta' ffriżar tiġi kkontestata quddiem qorti; id-dritt ta' aċċess għal avukat matul il-proċedimenti ta' konfiska; il-possibbiltà effettiva li persuna titlob it-titolu tas-sjieda jew drittijiet ta' proprjetà oħrajn; id-dritt li persuna tiġi mgħarrfa bir-raġunijiet għal ordni ta' konfiska u li tikkontestaha quddiem qorti.

**Sommarju tar-Regolament propost**

Kunċett Ewropew tal-ġustizzja huwa bbażat fuq aktar kooperazzjoni legali f'materji kemm ċivili kif ukoll kriminali, permezz tal-prinċipju ta' "rikonoxximent reċiproku" meta kull sistema legali gradwalment tirrikonoxxi li d-deċiżjonijiet adottati mis-sistemi legali ta' Stati Membri oħrajn huma validi u għandhom ikunu rikonoxxuti mingħajr formalità ulterjuri.

Mekkaniżmu ta' rikonoxximent reċiproku għandu jippermetti li Stat Membru jirrikonoxxi u jinforza l-ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska maħruġa minn Stat Membru ieħor mingħajr ebda formalità intermedja. Ir-Regolament propost għandu jkopri kull tip ta' rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska maħruġa fil-qafas tal-proċedimenti kriminali, inklużi l-ordnijiet ta' konfiska estiża, konfiska fir-rigward ta' parti terza u konfiska mhux ibbażata fuq kundanna[15].

Din il-proposta għal Regolament ittejjeb il-qafas legali attwali tar-rikonoxximent reċiproku b'diversi modi:

- Strument legali applikabbli b'mod dirett:

  Ladarba jiġi adottat, ir-Regolament propost għandu jkun applikabbli b'mod dirett fl-Istati Membri. Dan għandu jwassal għal ċarezza u jelimina l-problemi ta' traspożizzjoni fis-sistemi nazzjonali. L-esperjenza uriet li s'issa mhux l-Istati Membri kollha ttrasponew id-Deċiżjonijiet Kwadru dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska.

- Kamp ta' applikazzjoni estiż meta mqabbel mal-istrumenti attwali ta' rikonoxximent reċiproku:

---

13 83 tat-TFUE, il-Eurocrimes huma delitti partikolarment serji b'dimensjoni transfruntiera li jirriżultaw min-natura jew l-impatt ta' dawn ir-reati jew minn ħtieġa partikolari li jiġu miġġielda fuq bażi komuni. Dawn huma li ġejjin: terroriżmu, traffikar ta' bnedmin u sfruttament sesswali tan-nisa u t-tfal, traffikar illeċitu ta' droga, traffikar illeċitu ta' armi, ħasil tal-flus, korruzzjoni, falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas, kriminalità fl-informatika u kriminalità organizzata. Minħabba l-bażi legali tal-Artikolu 83(1) tat-TFUE, il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/42/UE huwa limitat għal Eurocrimes, u ma jkoprix reati kriminali oħrajn li jiġġeneraw id-dħul.

14 Ara l-Artikolu 8

15 Għal aktar dettalji rigward dan il-kamp ta' applikazzjoni ara l-punt 5.1 u l-ispjegazzjoni għall-Artikolu 1.

Minbarra t-tipi ta' konfiska diġà koperti mid-Deċiżjonijiet Kwadru eżistenti (il-konfiska ordinarja u l-konfiska estiża, din tal-aħħar b'diskrezzjoni wiesgħa għal rifjut ta' rikonoxximent), ir-Regolament propost għandu jkopri l-konfiska fir-rigward ta' parti terza u l-konfiska mhux ibbażata fuq kundanna kriminali u ma jipprevedix aktar għal diskrezzjoni wiesgħa fir-rigward ta' rifjut ta' rikonoxximent fil-każ ta' konfiska estiża.

- Kamp ta' applikazzjoni estiż imqabbel mad-Direttiva 2014/42/UE:

  Ir-Regolament propost għandu jkopri kull tip ta' rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska koperti mid-Direttiva. Barra minn hekk, dan għandu jkopri wkoll il-konfiska mhux ibbażata fuq kundanna maħruġa fil-qafas ta' proċedimenti kriminali: il-każijiet ta' mewt ta' persuna, l-immunità, il-preskrizzjoni, il-każijiet fejn l-awtur ta' reat ma jistax jiġi identifikat, jew każijiet oħrajn fejn qorti kriminali tista' tikkonfiska assi mingħajr kundanna meta l-qorti tkun iddeċidiet li tali assi huwa r-rikavat minn attività kriminali. Dan jirrikjedi li l-qorti tistabbilixxi li ttieħed vantaġġ minn reat kriminali. Sabiex dawn jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, dawn it-tipi ta' ordnijiet ta' konfiska jridu jinħarġu fi ħdan il-qafas tal-proċedimenti kriminali, u għaldaqstant is-salvagwardji kollha applikabbli għal dawn il-proċedimenti għandhom jiġu ssodisfati fl-Istat emittenti[16].

- Linji gwida ċari għal ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska:

  Filwaqt li l-iffriżar bħala miżura ta' prekawzjoni jeħtieġ li jseħħ b'mod urġenti u jeħtieġ skadenzi qosra għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni, l-għarfien u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' konfiska jistgħu jitwettqu f'perjodu ta' żmien itwal. Madankollu, hemm il-ħtieġa li l-iskadenzi jiġu stabbiliti wkoll għal ordnijiet ta' konfiska sabiex jiġu żgurati proċeduri transfruntiera effiċjenti.

- Strument wieħed għar-rikonoxximent reċiproku taż-żewġ ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska li jkun fih regoli u skadenzi applikabbli b'mod dirett għandu jiżgura li l-ordnijiet jiġu rikonoxxuti u eżegwiti mingħajr dewmien fl-Unjoni.

- Ċertifikat standard u formola standard:

  Il-mekkaniżmu rapidu u effiċjenti għandu jiġi żgurat ukoll grazzi għal ċertifikat standardizzat fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' konfiska u formola standard għal ordnijiet ta' ffriżar li huma annessi mal-proposta. Dawn ikun fihom l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-ordni, li jgħinu lill-awtorità ta' eżekuzzjoni sabiex b'mod preċiż tilħaq il-proprjetà mmirata u għandhom jiffaċilitaw ir-rikonoxximent u l-infurzar tal-miżura barranija mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-formola standard għal ordnijiet ta' ffriżar għandha tissimplifika l-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar sal-limitu massimu peress li ma għandhiex tkun akkumpanjata minn ordni ta' ffriżar domestiku ieħor. Il-proċedura għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska huma rregolati b'mod separat fil-proposta sabiex tiġi ssimplifikata l-applikazzjoni diretta mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

- Komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti:

[16] Ara Taqsima 3, Id-Drittijiet Fundamentali.

Il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti li tippermetti r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni bla xkiel u b'mod rapidu ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska ġiet enfasizzata matul il-proposta.

- Drittijiet tal-vittmi:

  Id-dritt tal-vittma għal kumpens u għal restituzzjoni ġie kkunsidrat b'mod xieraq fil-Proposta. Hemm żgurat li f'każijiet fejn l-Istat emittenti jikkonfiska proprjetà, id-dritt tal-vittma għal kumpens u għal restituzzjoni għandu prijorità fuq l-eżekuzzjoni u l-ħruġ tal-interess tal-Istati.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Il-bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika biex tappoġġja l-azzjoni fil-qasam tar-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska tal-assi kriminali hija l-Artikolu 82(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jispeċifika b'mod partikolari li l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fl- Unjoni għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji.

Jistgħu jiġu adottati miżuri skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja biex jiġu stabbiliti regoli u proċeduri li jiżguraw ir-rikonoxximent fl-Unjoni tal-forom kollha ta' sentenzi u ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji, u li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji jew ekwivalenti tal-Istati Membri b'rabta mal-proċedimenti f'materji kriminali u l-infurzar tad-deċiżjonijiet.

- **L-għażla tal-istrument**

L-Artikolu 82(1) tat-TFUE jagħti lil-leġiżlatur tal-UE l-possibbiltà li jadotta regolamenti u direttivi.

Peress li l-proposta tikkonċerna proċeduri transfruntiera, fejn hemm il-ħtieġa ta' regoli uniformi, m'hemmx bżonn li jitħalla ebda marġini għall-Istati Membri biex jittrasponu dawn ir-regoli. Regolament huwa direttament applikabbli, jipprovdi ċarezza u ċertezza ġuridika akbar, u jevita l-problemi ta' traspożizzjoni li kienu soġġetti għalihom id-Deċiżjonijiet Kwadru fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska. Għal dawn ir-raġunijiet l-aktar forma xierqa li għandha tintuża għal dan l-istrument ta' rikonoxximent reċiproku hija meqjusa li tkun regolament.

- **Sussidjarjetà u proporzjonalità**

Skont l-Artikolu 5(3) tat-TUE, l-Unjoni għandha taġixxi biss jekk l-azzjoni proposta ma tkunx tista' tinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri. L-Artikolu 67 tat-TFUE jipprevedi li l-Unjoni għandha tipprovdi liċ-ċittadini livell għoli ta' sigurtà bil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità. L-assi tal-kriminali spiss jiġu investiti f'diversi pajjiżi. Din id-dimensjoni transfruntiera tiġġustifika azzjoni Ewropea.

Filwaqt li investigazzjonijiet kriminali u tal-assi transfruntiera jistgħu jseħħu f'diversi pajjiżi, il-prosekuzzjoni u l-attivitajiet ġudizzjarji li jwasslu għal konfiska normalment jitwettqu fi Stat Membru wieħed biss u għalhekk il-proċeduri ta' konfiska jibqgħu essenzjalment nazzjonali. Madankollu, id-dimensjoni transfruntiera tagħhom hija evidenti fl-infurzar tal-ordnijiet fi Stati Membri oħrajn. Għaldaqstant, l-irkupru tal-assi jeħtieġ kooperazzjoni effettiva fost l-Istati Membri. L-aktar mod effettiv sabiex tiġi żgurata l-kooperazzjoni transfruntiera huwa abbażi tar-rikonoxximent reċiproku. Ir-rikonoxximent reċiproku huwa

f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà peress li għandu l-għan li jirrikonoxxi d-deċiżjonijiet tal-oħrajn, u ma jistax jinkiseb bl-azzjoni individwali tal-Istati Membri.

Il-proposta ma tkoprix il-forom kollha eżistenti ta' ordnijiet ta' konfiska (bħalma huma ordnijiet ċivili u amministrattivi) u hija limitata għal ordnijiet ta' konfiska maħruġa fi proċedimenti kriminali. Din ma tmurx lil hinn mill-minimu meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan dikjarat fil-livell Ewropew u dak li huwa meħtieġ għal dan l-iskop.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ir-rapporti ta' implimentazzjoni dwar id-Deċiżjoni Kwadru 2003/577/ĠAI[17] u d-Deċiżjoni Kwadru 2006/783/ĠAI[18] ġew adottati fl-2008 u fl-2010. Fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tagħhom, dawn ir-rapporti kkonkludew li l-livell ta' traspożizzjoni ta' dawn id-Deċiżjonijiet Kwadru fis-sistemi ġuridiċi nazzjonali tal-Istati Membri ma kienx wieħed sodisfaċenti. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-2012 li takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva 2014/42/UE[19] kkonkludiet dwar il-ħtieġa għal strument legali biex itejjeb ir-rikonoxximent reċiproku f'dan il-qasam, jiġifieri li hemm problema fundamentali bil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri eżistenti u li kien ġustifikat strument ta' rikonoxximent reċiproku ġdid.

Fl-2013 twettaq studju komparattiv tal-liġi dwar l-implimentazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska fl-UE[20] u kkonkluda li jista' jiġi previst strument wieħed koerenti għar-rikonoxximent reċiproku. Barra minn hekk, fis-snin ta' qabel kienu organizzati diversi laqgħat ta' esperti u konferenzi ddedikati għall-kwistjoni tar-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska u b'mod partikolari għall-konfiska mhux ibbażata fuq kundanna.

Fid-dawl tat-tagħrif eżistenti, ma twettqitx evalwazzjoni ex post separata tal-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku eżistenti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-partijiet ikkonċernati kollha rilevanti ġew ikkonsultati. Peress li dan is-suġġett huwa ttrattat minn numru pjuttost limitat ta' esperti, twettqet konsultazzjoni mmirata minflok konsultazzjoni pubblika li kien ikollha valur miżjud limitat ħafna minħabba l-kumplessità tas-suġġett. Ġew organizzati laqgħat ta' esperti u konferenzi sabiex jiġi diskuss dan is-suġġett.

B'mod ġenerali, hemm kunsens wiesa' dwar il-ħtieġa għat-titjib tar-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska permezz ta' strument leġiżlattiv ġdid. B'mod ripetut ġie enfasizzat li l-konfiska hija għodda effiċjenti ħafna fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu u ġie rikonoxxut li hemm ħtieġa akbar għal kooperazzjoni transfruntiera aktar effettiva fi ħdan l-UE u fil-livell internazzjonali.

---

17 Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-22.12.2008 [COM(2008) 885 finali - Mhux pubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali].

18 Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-23.8.2010 [COM(2010) 428 finali – Mhux pubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali].

19 Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dokument għall-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea, SWD(2012) 31 finali.

20 Studju mwettaq minn DBB f'Novembru tal-2013 "*Studju Komparattiv tal-Liġi dwar l-implimentazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet għall-iffriżar u l-konfiska ta' assi kriminali fl-UE*",

L-esperti ripetutament ilmentaw dwar l-użu mhux biżżejjed tal-konfiska f'sitwazzjonijiet transfruntiera. Huma enfasizzaw li s-sistema attwali ma taħdimx u li d-Deċiżjonijiet Kwadru dwar ir-rikonoxximent reċiproku ma jintużawx. Bħala eżempju ssemma li r-rikavat mit-traffikar tad-drogi, investit mit-traffikanti tad-droga f'diversi Stati Membri, ma setax jiġi kkonfiskat minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni transfruntiera fil-livell ġudizzjarju.

L-Istati Membri jirrikonoxxu wkoll il-ħtieġa li jittejjeb ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska permezz ta' strument leġiżlattiv ġdid.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt li tappoġġja din il-proposta twettqet[21] u nħarġet opinjoni pożittiva b'riżervi mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju[22]. Wara din l-opinjoni, il-valutazzjoni tal-impatt ġiet emendata biex tispjega aħjar il-kuntest politiku ta' din l-inizjattiva u l-imperattiv politiku favur l-aġir immedjat. Ġew introdotti referenzi aktar sistematiċi għal strateġiji ta' politika rilevanti. L-istruttura tat-taqsima dwar il-problemi kienet riveduta sabiex tiġi ċċarata l-importanza tal-problemi differenti u biex jintwera b'mod aħjar li n-nuqqasijiet tal-qafas ġuridiku attwali huma kkawżati l-aktar minħabba l-limitazzjonijiet tiegħu. L-interazzjoni tal-kwistjoni tar-restituzzjoni u l-kumpens tal-vittmi ma' problemi oħrajn ġiet iċċarata. Ix-xenarju ta' linja bażi tkompla jiġi elaborat u jirrifletti b'mod aktar realistiku x-xejriet attwali fl-użu tal-ordnijiet ta' konfiska u ta' ffriżar. Ir-rapport jiċċara kif l-għażliet varji jvarjaw minn xulxin (pereżempju l-kamp ta' applikazzjoni) jew jirkbu fuq/jinkludu lil xulxin (pereżempju s-simplifikazzjoni tal-proċeduri u s-simplifikazzjoni taċ-ċertifikati). Ġew miżjuda għażliet imwarrba. Barra minn hekk, ir-rapport ġie emendat biex jispeċifika aħjar l-impatti tal-għażliet differenti. Id-diskussjonijiet u l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-esperti tas-17 ta' Novembru 2016 kienu integrati fir-rapport u l-opinjonijiet tal-partijiet interessati b'mod ġenerali kienu ppreżentati b'mod aktar sistematiku f'dan ir-rapport. Fl-aħħar nett, ġiet miżjuda għażla ppreferuta abbażi tal-valutazzjoni komparattiva tal-għażliet, l-impatti tagħhom, il-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-esperti tas-17 ta' Novembru 2016 u l-fattibbiltà politika tal-għażliet varji[23].

Ġew ikkunsidrati erba' għażliet ta' politika prinċipali: iż-żamma tal-*istatus quo* (Għażla 1), għażla ta' liġi mhux vinkolanti (Għażla 2) u żewġ għażliet ta' politika regolatorji (Għażliet 3 u 4). Iż-żamma tal-*istatus quo* tinvolvi li ma tittieħed l-ebda azzjoni fil-livell tal-UE, filwaqt li t-tliet għażliet ta' politika alternattivi oħrajn itejbu, b'limiti differenti, il-kapaċità ta' qbid u ta' konfiska tar-rikavat minn attività kriminali fuq bażi transfruntiera. Għażla 2 (azzjoni mhux leġiżlattiva/liġi mhux vinkolanti) tappoġġja r-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska, pereżempju, bit-taħriġ u t-tixrid tal-aħjar prattika, u l-promozzjoni tal-użu tal-istrumenti internazzjonali li jippromwovu l-qbid u l-konfiska transfruntiera. Madankollu, l-impatt mistenni tagħha jkun pjuttost baxx u xorta jkun eskluż għal xi Stati Membri tal-UE li jaġixxu fuq ċerti talbiet minn Stati Membri oħrajn. Għażliet 3 u 4 (azzjoni leġiżlattiva minima u massima) jinvolvu obbligazzjonijiet għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' firxa ta' ordnijiet għall-iffriżar u l-konfiska ta' assi kriminali. Għażla 3 teħtieġ ir-rikonoxximent biss ta' dawk l-ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska stabbiliti fid-Direttiva 2014/42/UE. Għażla 4 tipprovdi għal żewġ subalternattivi: Għażla 4a tkopri t-tipi kollha ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska maħruġa fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali li jinkludu wkoll il-konfiska mhux ibbażata fuq kundanna kriminali. Għażla 4b teħtieġ ir-rikonoxximent tal-ordnijiet kollha ta'

---

21 http://ec.europa.eu/smart-regulation/impact/ia_carried_out/cia_2016_en.htm

22 http://ec.europa.eu/smart-regulation/impact/ia_carried_out/cia_2016_en.htm

23 Anness 1 tal-Valutazzjoni tal-Impatt jiddeskrivi f'aktar dettall il-mod kif ġew indirizzati l-kummenti tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fil-verżjoni emendata tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

konfiska inklużi dawk maħruġin fi proċedimenti ċivili u amministrattivi meta jintwera li l-proprjetà tkun r-rikavat minn kondotta kriminali.

L-Istati Membri jappoġġjaw għażla ta' politika li tinvolvi leġiżlazzjoni ġdida (Għażliet 3, 4a jew 4b). Madankollu, hemm varjazzjoni fost il-pożizzjonijiet tal-Istati Membri dwar liema tip ta' miżuri għandu jkopri l-istrument. Għażla 3 ma tqajjimx preokkupazzjonijiet partikolari mill-Istati Membri iżda ma tkunx ikkunsidrata biżżejjed minn dawk l-Istati Membri li għandhom forom aktar estensivi ta' konfiska.

Il-Parlament Ewropew huwa favur proposta leġiżlattiva biex jissaħħaħ ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska.

L-għażla preferuta tal-Kummissjoni hija strument ta' rikonoxximent reċiproku b'kamp ta' applikazzjoni estiż u b'dispożizzjonijiet imtejba li jiżguraw iċ-ċirkolazzjoni usa' ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska maħruġa fil-qafas tal-proċedimenti kriminali fl-Unjoni Ewropea (Għażla 4a). Din l-għażla tindirizza ħafna mill-problemi identifikati u hija wkoll legalment soda. Jidher ukoll li din hija aċċettata aktar faċilment mill-Istati Membri minn strument li jinkludi konfiska amministrattiva u ċivili. Din tissodisfa wkoll il-prinċipju tal-proporzjonalità peress li hija limitata fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha u ma tmurx lil hinn mill-minimu meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-livell Ewropew.

L-impatt ekonomiku u soċjali tal-għażla ppreferuta huwa mistenni li b'mod globali jkun wieħed pożittiv. Ir-rekwiżit għar-rikonoxximent ta' firxa akbar ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska għandu jżid l-ammont ta' assi kriminali ffriżati u kkonfiskati bejn il-fruntieri tal-Istati Membri. Għaldaqstant, fl-aħħar għandha twassal għal profitti mnaqqsa għall-kriminali organizzati u ċċaħħad lill-kriminali l-possibbiltà li jerġgħu jinvestu l-profitti tagħhom biex jiffinanzjaw aktar kriminalità. Aktar ma tiżdied il-probabbiltà ta' konfiska aktar jiżdied l-effett dissważiv fuq il-kriminalità. Din għandha twassal ukoll għal tnaqqis fit-telf tad-dħul ta' Stat Membru. B'mod ġenerali l-impatt soċjali jkun pożittiv ħafna peress li l-assi kriminali kkonfiskati jistgħu jingħataw lura lill-vittmi li jkunu nsterqu mingħandhom, jew jerġgħu jintużaw għal skopijiet pubbliċi jew soċjali.

Ir-rekwiżit għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' firxa akbar ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska għandu jwassal għal żieda limitata fl-ispejjeż għall-infurzar tal-liġi u għall-awtoritajiet ġudizzjarji. Madankollu, dan għandu jiġi bbilanċjat bil-kapaċità miżjuda ta' rkupru – u ta' użu mill-ġdid fejn xieraq – tar-rikavat mill-attività kriminali.

In-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi mhux ma għandhomx jiġu affettwati b'mod dirett minn din il-proposta. Madankollu, il-qbid tal-assi kriminali jagħmilha aktar diffiċli għan-negozju kriminali biex jopera, b'hekk fuq perjodu twil ta' żmien għandu jgħin lin-negozju leġittimu billi jnaqqas il-kompetizzjoni minn atturi illegali.

• **Id-drittijiet fundamentali**

Il-miżuri ta' ffriżar u ta' konfiska jistgħu jinterferixxu mad-drittijiet fundamentali protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (il-Karta) u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB).

B'mod partikolari, fir-rigward tal-konfiska mhux ibbażata fuq kundanna, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ripetutament ikkunsidrat il-konfiska mhux ibbażata fuq kundanna, inklużi l-forom ċivili u amministrattivi, u l-konfiska estiża konsistenti mal-Artikolu 6 tal-KEDB u mal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1, jekk jiġu rispettati salvagwardji proċedurali effettivi.

Iċ-ċaqliq tal-oneru tal-prova dwar il-leġittimità tal-assi ma nstabx fi ksur tad-drittijiet fundamentali mill-QEDB, sakemm dan jiġi applikat fil-każ partikolari, fejn hemm stabbiliti

salvagwardji adegwati biex il-persuna affettwata tkun tista' tikkontesta dawn il-preżunzjonijiet konfutabbli.

Xi salvagwardji importanti huma inklużi fir-Regolament propost: il-prinċipju ta' proporzjonalità jeħtieġ li jiġi rispettat, hemm raġunijiet għal rifjut ibbażati fuq in-nuqqas ta' rispett tal-prinċipju ta' "ne bis in idem" u r-regoli dwar il-proċedimenti "in absentia". Barra minn hekk, id-drittijiet ta' partijiet terzi in bona fide għandhom ikunu rrispettati, hemm obbligu li partijiet interessati jiġu infurmati bl-eżekuzzjoni ta' ordni ta' ffriżar inklużi r-raġunijiet għaliha u r-rimedji legali disponibbli, u hemm obbligu għall-Istati Membri li jipprovdu għal rimedji legali fl-Istat ta' eżekuzzjoni.

Barra minn hekk, l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/42/UE jinkludi lista ta' salvagwardji li jeħtieġ li jiġu żgurati mill-Istati Membri għal dawk l-ordnijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Fl-aħħar nett, is-salvagwardji proċedurali kollha tal-liġi kriminali huma applikabbli. Dan jinkludi b'mod partikolari d-dritt għal proċess ġust stabbilit fl-Artikolu 6 tal-KEDB u fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta. Dan jinkludi wkoll il-leġiżlazzjoni rilevanti fil-livell tal-UE dwar id-drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali: Id-Direttiva 2010/64/UE dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali, id-Direttiva 2012/13/UE dwar id-dritt għall-informazzjoni fir-rigward tad-drittijiet u l-akkużi u aċċess għall-proċess tal-każ, id-Direttiva 2013/48/UE dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat u għal komunikazzjoni ma' qraba meta jiġu arrestati u detenuti, id-Direttiva 2016/343 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess tiegħu stess, id-Direttiva 2016/800 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal u d-Direttiva 2016/1919 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew.

Jekk jiġu applikati bil-proporzjonalità u kkumplimentati b'salvagwardji proċedurali effettivi kif deskritt hawn fuq, il-miżuri f'din il-proposta jkunu kompatibbli mar-rekwiżiti tad-drittijiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-proposta leġiżlattiva għal Regolament ma għandhiex impatt fuq il-Baġit tal-UE. Wieħed mill-għanijiet ġenerali huwa li l-kriminali jiġu mċaħħda mill-profitti illegali. Din hija mfassla biex jiġi żgurat kumpens għall-vittmi u jiżdied id-dħul tat-teżor nazzjonali u tal-UE. Din hija mfassla wkoll biex titnaqqas l-ispiża kollettiva tal-frodi u ta' spejjeż soċjali oħrajn. Fl-aħħar nett, din il-proposta għandu jkollha konsegwenzi pożittivi għall-ekonomiji nazzjonali u Ewropej.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Ir-Regolament huwa direttament applikabbli fl-UE. Dan jiġi applikat b'mod dirett minn prattikanti, bir-riżultat li l-ordnijiet maħruġa minn Stati Membri oħrajn għandhom jiġu eżegwiti bħal dawk domestiċi, mingħajr il-ħtieġa li tiġi mmodifikata s-sistema legali interna tagħhom u l-mod ta' ħidma tagħhom.

Ir-Regolament għandu jiġi rivedut u l-Kummissjoni għandha tissottometti rapport ħames snin wara d-dħul fis-seħħ.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

***Kapitolu I: Is-suġġett, id-definizzjonijiet u l-kamp ta' applikazzjoni***

*Artikolu 1: Suġġett*

Din il-proposta għal Regolament tistabbilixxi r-regoli li taħthom Stat Membru għandu jirrikonoxxi u jwettaq l-ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska maħruġa fil-qafas tal-proċedimenti kriminali. Dan ir-Regolament ikopri l-ordnijiet kollha ta' konfiska imposti minn qorti b'segwitu għal proċedimenti fir-rigward ta' reat kriminali u l-ordnijiet kollha ta' ffriżar maħruġa fid-dawl tal-possibbiltà ta' konfiska sussegwentement. Għalhekk dan japplika għat-tipi kollha ta' ordnijiet koperti mid-Direttiva 2014/42/UE, kif ukoll għal tipi oħrajn ta' ordnijiet maħruġa mingħajr kundanna definittiva fi ħdan il-qafas tal-proċedimenti kriminali. Dan ir-Regolament ma japplikax għal ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska maħruġa fil-qafas tal-proċedimenti ċivili jew amministrattivi.

Dan ir-Regolament ikopri r-reati kriminali kollha. Dan mhuwiex limitat għall-oqsma ta' kriminalità partikolarment gravi b'dimensjoni transfruntiera hekk imsejħa "Eurocrimes" (b'differenza mid-Direttiva 2014/42/UE li hija bbażata fuq l-Artikolu 83 tat-TFUE) peress li l-Artikolu 82 tat-TFUE (li fuqu hija bbażata din il-proposta) ma jirrikjedix limitazzjoni bħal din għar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali. Għaldaqstant, il-proposta tkopri rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska relatati ma' reati koperti mid-Direttiva 2014/42/UE, kif ukoll l-ordnijiet relatati ma' reati oħrajn li mhumiex koperti minn din id-Direttiva.

*Artikolu 2: Definizzjonijiet*

L-Artikolu 2 jipprovdi d-definizzjoni ta' diversi kunċetti użati fil-proposta.

Il-proposta tistipula d-definizzjoni ta' ordni ta' konfiska, ordni ta' ffriżar, proprjetà, rikavat, mezzi strumentali, l-Istat emittenti, l-Istat ta' eżekuzzjoni, l-awtorità emittenti, u l-awtorità ta' eżekuzzjoni.

Ordni ta' konfiska hija penali jew miżura finali imposta minn qorti b'segwitu għal proċedimenti fir-rigward ta' reat kriminali, li tirriżulta fl-ipprivar definittiv ta' proprjetà. Ordni ta' ffriżar hija kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja jew deċiżjoni vvalidata minn awtorità ġudizzjarja li b'mod provviżorju tipprevjeni l-qerda, it-trasformazzjoni, il-moviment, it-trasferiment jew l-allokazzjoni ta' proprjetà fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement.

Id-definizzjoni ta' awtorità emittenti hija differenti għal ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska. Biex jiġu kkunsidrati diversi sistemi nazzjonali, jittieħed l-istess approċċ bħal fid-Direttiva 2014/41/UE fir-rigward tad-definizzjoni ta' awtorità emittenti għal ordnijiet ta' ffriżar. F'każijiet fejn l-awtorità emittenti kompetenti mhijiex imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur pubbliku, l-ordni ta' ffriżar għandha tiġi vvalidata minn imħallef, qorti, imħallef investigattiv jew prosekutur pubbliku qabel it-trażmissjoni tagħha.

Id-definizzjoni ta' awtorità emittenti u ta' eżekuzzjoni trid tinqara flimkien mal-Artikolu 27 fejn l-Istati Membri huma meħtieġa li jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet emittenti u ta' eżekuzzjoni kompetenti.

*Artikolu 3: Ir-reati*

Lista ta' reati li għalihom ir-rikonoxximent reċiproku u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska ma jistgħux jiġi rrifjutati abbażi tal-kriminalità doppja hija l-istess bħal-lista li tinsab fi strumenti ta' rikonoxximent reċiproku oħrajn b'eċċezzjoni waħda biss: il-punt (y) tal-

lista issa jirrifletti l-eżistenza ta' standards minimi komuni għall-ġlieda kontra l-frodi u l-iffalsifikar ta' mezzi ta' ħlas bi flus mhux kontanti (Deċiżjoni Kwadru 2001/413/ĠAI).

Il-kriminalità doppja ma tistax tiġi invokata għal lista ta' reati punibbli b'tal-anqas tliet snin ta' priġunerija fl-Istat emittenti. F'każijiet ta' reati mhux inklużi f'din il-lista, ir-rikonoxximent jista' jiġi rrifjutat jekk ir-reat relatat mal-ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska mhuwiex reat kriminali skont il-liġijiet tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

***Kapitolu II - It-trażmissjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' konfiska***

*Artikoli 4 - 7: It-trażmissjoni ta' ordnijiet ta' konfiska*

Dawn l-Artikoli jistabbilixxu mekkaniżmu għat-trażmissjoni ta' ordnijiet ta' konfiska. Il-proposta tipprevedi trażmissjoni diretta ta' ordni ta' konfiska bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, iżda tippermetti wkoll il-possibbiltà ta' assistenza mill-awtoritajiet ċentrali. Ir-regoli dwar l-identifikazzjoni tal-awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti u dwar il-possibbiltà li tiġi trażmessa l-ordni ta' konfiska lil aktar minn Stat Membru wieħed huma kkjarifikati.

Fil-prinċipju, ordni ta' konfiska tista' tiġi trażmessa biss lil Stat ta' eżekuzzjoni wieħed fi kwalunkwe ħin. Madankollu, xi eċċezzjonijiet huma stipulati fl-Artikolu 5. Fejn proprjetajiet koperti mill-ordni jinsabu fi Stati ta' eżekuzzjoni differenti jew l-eżekuzzjoni tinvolvi azzjoni f'aktar minn Stat ta' eżekuzzjoni wieħed, l-awtorità emittenti tista' tittrażmetti l-ordni lil aktar minn Stat ta' eżekuzzjoni wieħed. L-awtorità emittenti tista' wkoll tittrażmetti l-ordni dwar ammont ta' flus lil diversi Stati ta' eżekuzzjoni meta l-proprjetà kkonċernata ma tkunx ġiet iffriżata jew fejn il-valur tal-proprjetà li tista' tiġi rkuprata fl-Istat emittenti u fi kwalunkwe Stat ta' eżekuzzjoni x'aktarx li ma jkunx suffiċjenti għall-eżekuzzjoni tal-ammont sħiħ kopert mill-ordni.

It-trażmissjoni tal-ordni ta' konfiska mill-Istat emittenti ma tillimitax il-kompetenza ta' dak l-Istat biex huwa stess iwettaq l-ordni. Ir-regoli huma stabbiliti wkoll biex jiġi żgurat li l-eżekuzzjoni tal-ordni ma teċċedix l-ammont massimu speċifikat fl-ordni.

L-ordni ta' konfiska trid tiġi akkumpanjata minn ċertifikat standard mehmuż ma' din il-proposta. Iċ-ċertifikat irid jiġi tradott f'lingwa uffiċjali tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

*Artikolu 8: Ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' konfiska*

L-awtorità ta' eżekuzzjoni trid tirrikonoxxi l-ordni ta' konfiska mingħajr formalità ulterjuri u trid tieħu l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni tagħha bl-istess mod bħal ordni ta' konfiska mwettqa minn awtorità tal-Istat ta' eżekuzzjoni sakemm ma tiġix invokata waħda mir-raġunijiet għal rifjut jew għal posponiment. Hemm stabbiliti regoli ddettaljati dwar possibbiltà ta' konfiska ta' tip differenti ta' proprjetà minn dik speċifikata fl-ordni ta' konfiska.

*Artikolu 9: Ir-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent u għal nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' konfiska*

Lista eżawrjenti ta' raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent u għal nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' konfiska li abbażi tagħhom l-awtorità ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska tinsab stabbilita fl-Artikolu 9. Il-lista hija ferm differenti mil-lista li tinsab fid-Deċiżjoni Kwadru tal-2006. Xi raġunijiet li jwasslu għal rifjut għadhom l-istess, pereżempju r-raġuni bbażata fuq il-prinċipju "ne bis in idem" jew ir-raġuni bbażata fuq l-immunità jew il-privileġġ. Madankollu, ir-raġunijiet għal rifjut marbuta mat-tip tal-ordni ta' konfiska (pereżempju konfiska estiża) ma ġewx inklużi fil-proposta b'hekk b'mod konsiderevoli twessa' u ssaħħaħ il-qafas ta' rikonoxximent reċiproku.

Fir-rigward tar-raġuni għal rifjut ibbażata fuq id-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess, din tapplika biss għall-proċessi li jirriżultaw f'ordnijiet ta' konfiska marbuta ma' kundanna

definittiva, u mhux għal proċedimenti li jirriżultaw f'ordnijiet ta' konfiska mhux ibbażata fuq kundanna.

*Artikolu 10: Il-limiti taż-żmien għar-rikonoxximent u għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' konfiska*

Dan l-Artikolu jistabbilixxi limiti ta' żmien għar-rikonoxximent u għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' konfiska biex b'hekk żied il-valur miżjud meta mqabbel mad-Deċiżjoni Kwadru tal-2006 li ma kien fiha ebda limitu ta' żmien. Meta mqabbla mal-iffriżar li jrid jitwettaq fi żmien qasir ħafna, il-konfiska tista' titwettaq fuq perjodu ta' żmien itwal. Madankollu, l-esperjenza mid-Deċiżjoni Kwadru tal-2006 uriet li t-twaqqif ta' skadenzi ċari huwa meħtieġ biex jiġu żgurati proċeduri transfruntiera effiċjenti.

Limiti ta' żmien differenti huma stabbiliti b'mod separat għad-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska. L-ewwel nett, l-awtorità ta' eżekuzzjoni trid tieħu d-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 30 jum mill-wasla tal-ordni ta' konfiska. It-tieni nett, l-awtorità ta' eżekuzzjoni trid twettaq il-konfiska mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn 30 jum minn meta tieħu d-deċiżjoni li tirrikonoxxi u teżegwixxi l-ordni ta' konfiska.

F'każijiet speċifiċi fejn ma jkunx possibbli li l-awtorità ta' eżekuzzjoni tissodisfa l-limiti ta' żmien, din għandha tinforma mingħajr ebda dewmien lill-awtorità emittenti.

*Artikolu 11: Il-posponiment tal-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' konfiska*

Dan l-Artikolu jipprovdi formulazzjoni standard fl-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku li tippermetti l-possibbiltà ta' posponiment tar-rikonoxximent jew tal-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska. L-awtorità ta' eżekuzzjoni tista' tipposponi l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska jekk ikun hemm riskju li ssir ħsara lil investigazzjoni kriminali li tkun għaddejja jew riskju li l-ammont totali jeċċedi l-ammont speċifikat fl-ordni jew f'każijiet fejn ir-rimedji legali jkunu ġew invokati skont l-Artikolu 33.

*Artikolu 12: L-impossibbiltà tal-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska*

Tista' tinqala' sitwazzjoni fejn ikun impossibbli għall-awtorità ta' eżekuzzjoni li teżegwixxi l-ordni ta' konfiska. F'każijiet bħal dawn l-awtorità ta' eżekuzzjoni trid mingħajr ebda dewmien tinnotifika lill-awtorità emittenti. Fejn huwa possibbli, l-ordni tista' tiġi eżegwita fuq proprjetà oħra.

***Kapitolu III - It-trażmissjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar***

*Artikolu 13 - Kundizzjonijiet għall-ħruġ u t-trażmissjoni ta' ordni ta' ffriżar*

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-ħruġ u t-trażmissjoni ta' ordni ta' ffriżar biex jassigura li jiġi rrispettat il-prinċipju ta' proporzjonalità. Dan l-Artikolu jallinja l-proposta mal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/41/UE, u b'hekk jassigura li l-istess kundizzjonijiet japplikaw fir-rigward tal-iffriżar għall-evidenza u l-iffriżar għall-konfiska sussegwenti. L-awtorità ta' eżekuzzjoni trid teżegwixxi l-ordni fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 19, iżda jekk ikollha raġuni biex temmen li dawn il-kundizzjonijiet ma ġewx issodisfati, tista' tikkonsulta mal-awtorità emittenti ladarba l-ordni tkun ġiet rikonoxxuta u eżegwita.

*Artikolu 14: It-trażmissjoni tal-ordni ta' ffriżar*

Ordni ta' ffriżar għandha tiġi trażmessa b'mod dirett bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, iżda huwa permess ukoll l-assistenza mill-awtoritajiet ċentrali. Ir-regoli dwar l-identifikazzjoni tal-awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti jiġu ċċarati. L-ordni ta' ffriżar trid tiġi akkumpanjata minn talba għall-infurzar ta' ordni ta' konfiska, jew irid ikollha struzzjoni li l-

proprjetà tibqa' fl-Istat ta' eżekuzzjoni sakemm tasal talba għall-konfiska, u tiġi pprovduta d-data stmata ta' din it-talba. L-awtorità emittenti trid tinforma wkoll lill-awtorità ta' eżekuzzjoni dwar kwalunkwe parti interessata li tkun konxja tagħha, inklużi partijiet terzi bona fide, affettwata mill-ordni ta' ffriżar.

*Artikolu 15: It-trażmissjoni ta' ordni ta' ffriżar lil Stat ta' eżekuzzjoni wieħed jew aktar*

Fil-prinċipju, ordni ta' ffriżar tista' tiġi trażmessa lil Stat Membru wieħed biss fi kwalunkwe ħin. Dan l-Artikolu jistabbilixxi regoli dwar il-possibbiltà li l-ordni ta' ffriżar tiġi trażmessa lil aktar minn Stat Membru wieħed. Dawn ir-regoli huma simili ħafna għar-regoli dwar it-trażmissjoni ta' ordnijiet ta' konfiska.

Fejn proprjetajiet koperti mill-ordni jinsabu fi Stati ta' eżekuzzjoni differenti jew l-eżekuzzjoni tinvolvi azzjoni f'aktar minn Stat ta' eżekuzzjoni wieħed, l-awtorità emittenti tista' tittrażmetti l-ordni lil aktar minn Stat ta' eżekuzzjoni wieħed. L-awtorità emittenti tista' tittrażmetti wkoll l-ordni dwar ammont ta' flus lil bosta Stati ta' eżekuzzjoni meta l-valur tal-proprjetà li tista' tiġi ffriżata fl-Istat emittenti u fi kwalunkwe Stat ta' eżekuzzjoni x'aktarx li ma jkunx suffiċjenti għall-eżekuzzjoni tal-ammont sħiħ kopert mill-ordni.

*Artikolu 16: Formola tal-ordni ta' ffriżar*

Il-proposta tipprevedi proċedura ssimplifikata peress li tipprovdi formola standard għall-ħruġ ta'ordni ta' ffriżar. Għaldaqstant, il-formola mhijiex "ċertifikat" li jakkumpanja deċiżjoni separata. Din hija simplifikazzjoni tal-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku peress li d-Deċiżjoni Kwadru tal-2003 dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-mandati tal-iffriżar tirrikjedi li ċertifikat jiġi mehmuż mal-ordni ta' ffriżar nazzjonali. Minflok, fl-Anness B tagħha, il-proposta tipprovdi formola standard għal ordni ta' ffriżar li l-awtorità emittenti trid timla, tiffirma u tiċċertifika l-kontenut tagħha bħala preċiż u korrett u din tittraduċiha f'lingwa uffiċjali tal-Istat ta' eżekuzzjoni. Dan l-approċċ huwa l-istess wieħed kif adottat fid-Direttiva 2014/41/UE.

*Artikolu 17: Ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar*

L-awtorità ta' eżekuzzjoni trid tirrikonoxxi ordni ta' ffriżar mingħajr ebda formalità ulterjuri u trid tieħu l-miżuri meħtieġa biex teżegwiha sakemm ma tiġix invokata waħda mir-raġunijiet għal rifjut jew għal posponiment tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-ordni.

*Artikolu 18: Ir-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent u għal nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar*

Ir-raġunijiet għal rifjut huma simili għar-raġunijiet għal rifjut li jikkonċernaw l-ordnijiet ta' konfiska, b'xi eċċezzjonijiet ovvji mhux applikabbli.

*Artikolu 19: Il-limiti ta' żmien għar-rikonoxximent u għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar*

L-iffriżar bħala miżura ta' prekawzjoni jeħtieġ li jseħħ b'mod urġenti u jeħtieġ skadenzi qosra għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni. Għal din ir-raġuni ġew stabbiliti limiti ta' żmien ċari mir-Regolament propost. Dan huwa titjib kbir meta mqabbel mad-Deċiżjoni Kwadru tal-2003 fejn ma kien ġie stabbilit l-ebda limitu ta' żmien ċar.

Tliet limiti ta' żmien differenti huma stabbiliti b'mod separat għad-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent, għall-eżekuzzjoni tal-ordni ta 'ffriżar u għar-rappurtar lura lill-awtorità emittenti. Ġew stabbiliti skadenzi qosra biex jiġi żgurat li l-Istat ta' eżekuzzjoni jirrikonoxxi u jeżegwixxi l-ordni u jikkomunika r-riżultat lill-awtorità emittenti b'mod rapidu u bl-istess rapidità u prijorità bħal f'każijiet domestiċi simili. Barra minn hekk, l-awtorità ta' eżekuzzjoni trid tikkunsidra b'mod sħiħ ir-rekwiżiti partikolari speċifikati fl-ordni ta' ffriżar bħalma hija l-ħtieġa tal-iffriżar immedjat jew ta' data speċifika għall-iffriżar.

L-ewwel nett, l-awtorità ta' eżekuzzjoni trid tieħu d-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' ffriżar mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn 24 siegħa mill-wasla tal-ordni ta' ffriżar.

It-tieni nett, l-awtorità ta' eżekuzzjoni trid twettaq l-iffriżar mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn 24 siegħa minn meta tieħu d-deċiżjoni li tirrikonoxxi u teżegwixxi l-ordni ta' ffriżar u trid tikkomunika d-deċiżjoni tagħha mingħajr l-ebda dewmien lill-awtorità emittenti.

F'każijiet fejn tiġi invokata raġuni għal rifjut jew għal posponiment mill-awtorità ta' eżekuzzjoni, ma jistgħux jinżammu dawn il-limiti ta' żmien stretti. Għaldaqstant għal każijiet bħal dawn, il-proposta tikkjarifika li l-awtorità ta' eżekuzzjoni trid taġixxi mingħajr ebda dewmien.

Flimkien ma' dawn l-iskadenzi, l-Artikolu 25 jipprevedi skadenza ta' 3 ijiem li matulhom l-awtorità ta' eżekuzzjoni trid tirrapporta lill-awtorità emittenti dwar il-miżuri mittieħda.

*Artikolu 20: Il-posponiment tal-eżekuzzjoni ta' ordni ta' ffriżar*

Dan l-Artikolu jipprovdi test standard fl-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku sabiex ikun hemm possibbiltà ta' posponiment tar-rikonoxximent jew tal-eżekuzzjoni tal-ordni ta' ffriżar. L-Istat ta' eżekuzzjoni jista' jipposponi l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' ffriżar jekk ikun hemm riskju ta' ħsara lil investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin jew il-proprjetà diġà tkun soġġetta għal ordni ta' ffriżar jew il-proprjetà tkun diġà soġġetta għal ordni ta' ffriżar maħruġa fi proċedimenti kriminali oħrajn fl-Istat ta' eżekuzzjoni. B'mod immedjat l-awtorità ta' eżekuzzjoni trid tirrapporta l-posponiment tal-ordni ta' ffriżar lill-awtorità emittenti u hekk kif ir-raġuni għal posponiment ma tibqax teżisti, l-awtorità ta' eżekuzzjoni trid minnufih teżegwixxi l-ordni u tinforma lill-awtorità emittenti.

*Artikolu 21: L-obbligu li tingħata informazzjoni lill-parti interessata*

Wara l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' ffriżar, l-awtorità ta' eżekuzzjoni trid tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-persuna li kontriha tkun inħarġet l-ordni ta' ffriżar u lil kwalunkwe parti interessata b'kunsiderazzjoni dovuta għar-regoli ta' kunfidenzjalità stabbiliti fl-Artikolu 22. Dan għandu jippermetti li l-persuni affettwati jieħdu rimedji legali, mingħajr ma jiġi pperikolat l-iffriżar.

*Artikolu 22: Il-kunfidenzjalità*

Ħafna mill-ordnijiet ta' ffriżar fihom informazzjoni li trid tiġi protetta sabiex tiġi ssalvagwardjata l-investigazzjoni. Dan l-Artikolu huwa ispirat mill-Artikolu 19 tad-Direttiva 2014/41/UE dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew u jipprevedi l-obbligu tal-awtoritajiet emittenti u tal-eżekuzzjoni li jżommu l-kunfidenzjalità tal-investigazzjoni. Mingħajr ebda dewmien l-awtorità ta' eżekuzzjoni trid tinforma lill-awtorità emittenti jekk ma tkunx tista' tikkonforma mar-rekwiżit tal-kunfidenzjalità.

*Artikolu 23: It-tul ta' żmien tal-ordnijiet ta' ffriżar*

Bħala regola, il-proprjetà għandha tkun iffriżata sakemm tinħareġ deċiżjoni finali dwar il-konfiska jew ir-rilaxx tal-proprjetà ffriżata mill-Istat emittenti. Madankollu, jistgħu jseħħu każijiet fejn l-iffriżar jidher li ma jkunx aktar ġustifikat jew it-tul ta' żmien jidher bħala wieħed eċċessiv. Dan l-Artikolu jistabbilixxi regoli li jillimitaw il-perjodu li għalih il-proprjetà għandha tkun iffriżata wara konsultazzjoni bejn l-awtorità ta' eżekuzzjoni u dik emittenti. Ma hemm l-ebda limitu ta' żmien assolut, peress li t-tul tal-investigazzjonijiet u tal-proċess jistgħu jiġġustifikaw perjodu ta' ffriżar twil. Jekk l-awtorità emittenti ma tipprovdix raġunijiet għala ma aċċettatx il-limitazzjoni proposta mill-awtorità ta' eżekuzzjoni fi żmien 6 ġimgħat, l-awtorità ta' eżekuzzjoni tista' tneħħi l-ordni ta' ffriżar.

*Artikolu 24: L-impossibbiltà tal-eżekuzzjoni tal-ordni ta' ffriżar*

L-awtorità ta' eżekuzzjoni trid tinnotifika lill-awtorità emittenti mingħajr ebda dewmien meta jkun impossibbli li tiġi eżegwita ordni ta' ffriżar għar-raġuni li l-proprjetà tkun diġà ġiet ikkonfiskata, tkun sparixxiet, ġiet meqruda, ma tistax tinstab fil-post indikat jew il-post ma jkunx preċiż biżżejjed.

*Artikolu 25: Ir-rapportar*

Dan l-Artikolu jistipula skadenza ta' 3 ijiem li matulhom l-awtorità ta' eżekuzzjoni trid tirrapporta dwar il-miżuri meħuda u r-riżultati tal-eżekuzzjoni tal-ordni ta' ffriżar.

***Kapitolu IV - Dispożizzjonijiet ġenerali***

Dan il-Kapitolu jipprovdi regoli ġenerali għar-rikonoxximent reċiproku taż-żewġ ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska.

*Artikolu 26: Liġi li tirregola l-eżekuzzjoni*

L-Istat ta' eżekuzzjoni għandu l-kompetenza li jadotta u jinfurza miżuri f'dak l-Istat wara r-rikonoxximent ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska. Il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni tapplika għall-infurzar tad-deċiżjoni, inklużi r-regoli dwar salvagwardji meta d-deċiżjonijiet jiġu adottati fl-Istat ta' eżekuzzjoni b'rabta mal-ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska.

Ordni ta' ffriżar jew ordni ta' konfiska maħruġa kontra persuna ġuridika trid tiġi eżegwita anki jekk l-Istat ta' eżekuzzjoni ma jirrikonoxxix ir-responsabbiltà kriminali ta' persuni ġuridiċi.

Sakemm l-Istat emittenti ma jkunx fi qbil, l-Istat ta' eżekuzzjoni ma jistax jimponi miżuri alternattivi għall-iffriżar u l-konfiska ħlief għal dawk previsti fl-Artikolu 8 tal-proposta.

*Artikolu 27: Notifika lill-awtoritajiet kompetenti*

L-Istati Membri huma meħtieġa jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet emittenti u ta' eżekuzzjoni kompetenti skont id-definizzjoni tal-Artikolu 2(8) u (9). Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jaħtru awtorità ċentrali waħda jew aktar responsabbli għat-trażmissjoni u r-riċeviment amministrattivi. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li din l-informazzjoni tkun disponibbli għall-Istati Membri kollha u għall-Kunsill.

*Artikolu 28: Il-komunikazzjoni*

Dan l-Artikolu jikkonċerna l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti matul il-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku. Hemm obbligu ġenerali tal-awtoritajiet kompetenti li jikkonsultaw ma' xulxin fejn meħtieġ matul il-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku flimkien mal-obbligi speċifiċi stipulati mill-artikoli individwali tal-proposta.

*Artikolu 29: Ordnijiet multipli*

Jekk żewġ ordnijiet jew aktar li jikkonċernaw ammont ta' flus jinħarġu kontra l-istess persuna u ma hemmx biżżejjed mezzi li jippermettu l-ordnijiet kollha jiġu eżegwiti jew jekk proprjetà speċifika hija koperta minn diversi ordnijiet, l-Istat ta' eżekuzzjoni jrid jiddeċiedi liema mill-ordnijiet għandha jew għandhom jiġu eżegwiti b'kunsiderazzjoni dovuta għaċ-ċirkostanzi li jinkludu l-interess tal-vittmi, l-involviment ta' assi ffriżati, id-dati tal-ordnijiet rispettivi u d-dati tat-trażmissjoni tal-ordnijiet rispettivi u, jekk rilevanti, il-gravità relattiva u l-post tar-reat.

*Artikolu 30: Tmiem ta' eżekuzzjoni*

L-awtorità emittenti trid tinforma minnufih lill-awtorità ta' eżekuzzjoni bi kwalunkwe deċiżjoni jew miżura li bħala riżultat tagħha l-ordni tieqaf milli tkun tista' tiġi infurzata jew trid tiġi rtirata mill-Istat ta' eżekuzzjoni għal kwalunkwe raġuni oħra.

*Artikolu 31: Il-ġestjoni u l-allokazzjoni ta' proprjetà ffriżata u kkonfiskata*

L-Istat ta’ eżekuzzjoni għandu jiġġestixxi l-proprjetà ffriżata jew ikkonfiskata qabel it-trasferiment definittiv tagħha bil-għan li jipprevjeni d-deprezzament tagħha fil-valur.

Dan l-Artikolu jkompli jikkjarifika r-regoli għal allokazzjoni tal-proprjetà kkonfiskata. Id-dritt tal-vittma għall-kumpens u r-restituzzjoni ġie kkunsidrat b’mod dovut f’dan l-Artikolu peress li jiggarantixxi li d-dritt tal-vittma għall-kumpens u r-restituzzjoni jkun ta’ prijorità fuq l-interess tal-istati. L-ewwel nett, huwa jipprevedi li s-somma li tikkorrispondi għad-deċiżjoni dwar il-kumpens jew ir-restituzzjoni għandha tmur għand l-Istat emittenti għal skopijiet ta’ kumpens jew ta’ restituzzjoni fir-rigward tal-vittma. It-tieni nett, jekk proċedura biex tiġi kumpensata jew restitwita vittma hija pendenti fl-Istat emittenti, l-Istat ta’ eżekuzzjoni jrid iżomm it-trasferiment tal-proprjetà tal-konfiska sakemm id-deċiżjoni ma tiġix ikkomunikata lill-awtorità ta’ eżekuzzjoni. Din hija bidla kbira fil-qafas legali tal-UE peress li l-ebda waħda miż-żewġ Deċiżjonijiet Kwadru ma fiha kwalunkwe dispożizzjoni dwar il-vittmi. Id-dispożizzjonijiet jiżguraw li l-vittmi mhumiex jitilfu d-drittijiet tagħhom f’każijiet fejn l-assi jinsabu fi Stati Membri oħrajn; fl-istess waqt, id-dispożizzjoni ma tintroduċi l-ebda dritt ġdid għall-vittmi fejn tali dritt ma jeżistix taħt il-liġi nazzjonali.

Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, u meta tiġi kkunsidrata wkoll il-ħtieġa li tiġi pprovduta assistenza għall-irkupru ta’ talbiet tat-taxxa skont id-Direttiva 2010/24/UE, jiġu applikati r-regoli li ġejjin ispirati minn regola ta’ ekwità bejn l-Istati Membri kif stabbilit fid-Deċiżjoni Kwadru 2006/783/ĠAI: Jekk l-ammont tal-ordni ta’ konfiska huwa taħt EUR 10 000, l-ammont għandu jmur għand l-Istat ta’ eżekuzzjoni. Iktar minn dan l-ammont, 50% tal-proprjetà kkonfiskata tiġi ttrasferita lejn l-Istat emittenti fi flus kontanti, jew il-propjetà kollha meta tiġi ttrasferita in natura bil-kunsens tal-Istat ta’ eżekuzzjoni. Jekk mhux possibbli li jiġu applikati dawn ir-regoli, il-proprjetà tista’ tiġi allokata b’mod ieħor skont il-liġi tal-Istat ta’ eżekuzzjoni.

*Artikolu 32: Spejjeż*

L-ispejjeż għandhom jitħallsu jew mill-Istat ta’ eżekuzzjoni meta jseħħu fit-territorju ta’ dan l-Istat jew mill-Istat emittenti fi kwalunkwe każ ieħor. Meta l-Istat ta’ eżekuzzjoni jkollu spejjeż kbar jew eċċezzjonali jista’ jipproponi lill-Istat emittenti biex jinqasmu l-ispejjeż.

*Artikolu 33: Rimedji legali fl-Istat ta’ eżekuzzjoni kontra r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni*

Dan l-Artikolu jipprevedi rimedju legali fl-Istat ta’ eżekuzzjoni kontra r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta’ ordni ta’ ffriżar jew ta’ konfiska. Kwalunkwe parti interessata, inklużi partijiet terzi bona fide, tista’ tressaq azzjoni quddiem qorti fl-Istat ta’ eżekuzzjoni sabiex iżżomm id-drittijiet tagħha skont il-liġi ta’ dan l-Istat. L-azzjoni jista’ jkollha effett ta’ sospiża taħt il-liġi tal-Istat ta’ eżekuzzjoni. Madankollu, ir-raġunijiet sostantivi għall-ħruġ tal-ordni ta’ konfiska f’materji kriminali ma jistgħux jiġu kkontestati quddiem qorti fl-Istat ta’ eżekuzzjoni.

*Artikolu 34: Rimborż*

Ħlief meta r-responsabbiltà b’mod esklussiv tirriżulta mill-kondotta tal-Istat ta’ eżekuzzjoni, l-Istat emittenti huwa responsabbli li jirrimborża kwalunkwe somma mħallsa lil kwalunkwe parti wara l-eżekuzzjoni ta’ ordni.

*Artikolu 35: Statistika*

Dan l-Artikolu jikkonċerna l-obbligu tal-Istati Membri li jiġbru b’mod regolari mill-awtoritajiet rilevanti u jżommu statistika komprensiva fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku tal-ordnijiet ta’ ffriżar u ta’ konfiska. L-istatistika miġbura għandha tintbagħat lill-Kummissjoni kull sena. Peress li, attwalment, hemm nuqqas ta’ dejta komprensiva dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta’ ordnijiet ta’ ffriżar u ta’ konfiska, dan l-obbligu jidher li huwa

meħtieġ sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni bir-reqqa tal-funzjonament tal-mekkaniżmu stabbilit minn dan ir-Regolament.

***Kapitolu V - Dispożizzjonijiet finali***

*Artikolu 36: Emendi liċ-ċertifikat u lill-formola*

Iċ-ċertifikat standard u l-formola li jinsabu fl-Anness I u II ta' din il-proposta għandhom iservu bħala għodda utli biex jissimplifikaw u jħaffu sa fejn hu possibbli r-rikonoxximent reċiproku u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska. Għal din ir-raġuni, kemm jista' jkun malajr, fil-ġejjieni jkun meħtieġ li jiġu indirizzati l-problemi identifikati fir-rigward tal-kontenut taċ-ċertifikat u tal-formola. L-emendar taż-żewġ annessi permezz ta' proċedura leġiżlattiva sħiħa kumplessa ma jikkorrispondix ma' dan ir-rekwiżit. Għaldaqstant, proċedura għal emendi aktar mgħaġġla u aktar flessibbli permezz ta' atti delegati hija stipulata fl-Artikolu 37.

*Artikolu 37: Eżerċizzju ta' delega*

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tipprovdi għall-emendi meħtieġa taċ-ċertifikat u tal-formola annessi mal-proposta. Dan jistabbilixxi proċedura standard għall-adozzjoni ta' atti delegati bħal dawn.

*Artikolu 38: Klawżola ta' reviżjoni*

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament propost ħames snin wara d-dħul fis-seħħ.

*Artikolu 39: Sostituzzjoni*

Dan ir-Regolament għandu jissostitwixxi d-Deċiżjonijiet Kwadru 2003/577/ĠAI u 2006/783/ĠAI għall-Istati Membri li huma marbutin bih. Id-Deċiżjonijiet Kwadru 2003/577/ĠAI u 2006/783/ĠAI għandhom ikomplu japplikaw fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li mhumiex marbuta b'dan ir-Regolament.

*Artikolu 40: Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

Ir-Regolament propost għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali. Ir-Regolament imbagħad japplika sitt xhur wara d-data tad-dħul tiegħu fis-seħħ, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 27, li għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

2016/0412 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 (1) (a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea stabbiliet għaliha stess l-objettiv li żżomm u tiżviluppa spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

(2) Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fl-Unjoni hija bbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji, li huwa, b'mod komuni msejjaħ bħala pedament tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fl-Unjoni mill-Kunsill Ewropew ta' Tampere tal-15 u s-16 ta' Ottubru 1999.

(3) L-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi ta' strumenti u r-rikavat minn attività kriminali huma fost l-aktar mezzi effettivi fil-ġlieda kontra l-kriminalità. L-Unjoni Ewropea hija impenjata li tiżgura b'mod aktar effettiv l-identifikazzjoni, il-konfiska u l-użu mill-ġdid ta' assi kriminali[24].

(4) Peress li l-attività kriminali ta' spiss hija transnazzjonali fin-natura, il-kooperazzjoni transfruntiera effettiva hija essenzjali sabiex jinqabdu u jiġu kkonfiskati r-rikavat u l-mezzi strumentali tal-kriminalità.

(5) Il-qafas legali attwali tal-Unjoni fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku tal-ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska huwa kompost mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/577/ĠAI tat-22 ta' Lulju 2003 dwar it-twettiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza[25] u tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska[26].

(6) Ir-rapporti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Deċiżjonijiet Kwadru 2003/577/ĠAI u 2006/783/ĠAI juru li s-sistema eżistenti ta' rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska mhijiex effettiva għalkollox. L-istrumenti attwali ma ġewx implimentati u applikati b'mod uniformi fl-Istati Membri, li wassal għal rikonoxximent reċiproku insuffiċjenti.

[24] "Il-Programm ta' Stokkolma – Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini", ĠU C 115, 4.5.2010, p.1.

[25] ĠU L 196, 2.8.2003, p. 45.

[26] ĠU L 328, 21.11.2006, p. 59.

(7) Il-qafas legali tal-Unjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska ma baqax aġġornat ma' żviluppi leġiżlattivi reċenti fil-livelli tal-Unjoni u dawk nazzjonali. B'mod partikolari, id-Direttiva 2014/42/UE[27] tistabbilixxi regoli minimi komuni dwar l-iffriżar u l-konfiska tal-proprjetà. Dawn ir-regoli minimi komuni jikkonċernaw il-konfiska ta' rikavat u ta' mezzi strumentali tal-attività kriminali, anke f'każ ta' mard u tal-ħarba tal-persuna ssuspettata jew akkużata fejn proċedimenti kriminali jkunu diġà nbdew fir-rigward ta' reat kriminali, ta' konfiska estiża u ta' konfiska ta' parti terza. Dawn ir-regoli minimi komuni jikkonċernaw ukoll l-iffriżar ta' proprjetà fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement. Hu meħtieġ li t-tipi ta' konfiska u ta' ffriżar koperti mid-Direttiva 2014/42/UE għandhom ukoll ikunu koperti mill-qafas legali għar-rikonoxximent reċiproku.

(8) Meta adottaw id-Direttiva 2014/42/UE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddikjaraw li sistema effettiva ta' ffriżar u ta' konfiska fl-Unjoni Ewropea hija marbuta b'mod inerenti mal-funzjonament tajjeb tar-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska. Fid-dawl tal-ħtieġa li tiġi stabbilita sistema komprensiva għall-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat u tal-mezzi strumentali minn attività kriminali, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stiednu lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska.

(9) Fl-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà[28], il-Kummissjoni kkunsidrat li l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali hija bbażata fuq strumenti transfruntiera effettivi u li r-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji huwa element ewlieni fil-qafas tas-sigurtà. Il-Kummissjoni fakkret ukoll fil-ħtieġa għat-titjib tar-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska.

(10) Fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni biex isaħħaħ il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu[29], il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa biex jiġi żgurat li l-kriminali li jiffinanzjaw it-terroriżmu jiġu mċaħħda mill-assi tagħhom. Sabiex jiġu sfrattati l-attivitajiet tal-kriminalità organizzata li jiffinanzjaw it-terroriżmu, huwa essenzjali li dawk il-kriminali jiġu mċaħħda mir-rikavat tal-kriminalità. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi żgurat li t-tipi kollha ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska jiġu infurzati sal-limitu massimu possibbli fl-Unjoni permezz tal-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku.

(11) Sabiex jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku effettiv ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska, jenħtieġ li r-regoli dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' dawn l-ordnijiet jiġu stabbiliti minn att legali tal-Unjoni legalment vinkolanti u direttament applikabbli.

(12) Huwa importanti li jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent reċiproku u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska ta' proprjetà billi jiġu stabbiliti regoli li jobbligaw lil Stat Membru jirrikonoxxi u jeżegwixxi fit-territorju tiegħu ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska maħruġa minn Stat Membru ieħor fil-qafas tal-proċedimenti kriminali.

---

27 Id-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 39).

28 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà*, COM(2015) 185 finali.

29 COM(2016) 50 finali.

(13) Jenħtieġ li dan ir-Regolament għandu japplika għall-ordnijiet kollha ta' konfiska imposti minn qorti b'segwitu għal proċedimenti fir-rigward ta' reat kriminali u għall-ordnijiet kollha ta' ffriżar maħruġa fid-dawl tal-possibbiltà ta' konfiska sussegwenti. Għalhekk jenħtieġ li dan ikopri t-tipi kollha ta' ordnijiet koperti mid-Direttiva 2014/42/UE, kif ukoll tipi oħrajn ta' ordnijiet maħruġa mingħajr kundanna definittiva fi ħdan il-qafas tal-proċedimenti kriminali. Huwa meħtiep li dan ir-Regolament ma jkunx japplika għal ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska maħruġa fil-qafas tal-proċeduri ċivili jew amministrattivi.

(14) Jenħtieġ li dan ir-Regolament għandu jkopri ordnijiet ta' konfiska u ta' ffriżar relatati ma' reati koperti mid-Direttiva 2014/42/UE, kif ukoll ordnijiet relatati ma' reati oħrajn. Għaldaqstant, ir-reati ma għandhomx ikunu limitati għall-oqsma ta' attività kriminali partikolarment gravi b'dimensjoni transfruntiera, peress li l-Artikolu 82 tat-TFUE ma jimponix tali limitazzjoni għal miżuri li jistabbilixxu regoli u proċeduri biex jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali.

(15) Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, ibbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u eżekuzzjoni immedjata ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji, tippresupponi b'kunfidenza li d-deċiżjonjiet li għandhom jiġu rikonoxxuti u infurzati dejjem ser jiġu meħuda skont il-prinċipji ta' legalità, sussidjarjetà u proporzjonalità. Din tippresupponi wkoll li d-drittijiet mogħtija lill-partijiet jew lill-partijiet terzi interessati bona fide se jiġu ppreservati.

(16) Dan ir-Regolament ma għandux l-effett li jimmodifika l-obbligu għar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tat-TUE.

(17) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta) u fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (il-KEDB). Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi applikat skont dawk id-drittijiet u prinċipji.

(18) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi applikat b'kunsiderazzjoni għad-Direttivi 2010/64/UE[30], 2012/13/UE[31], 2013/48/UE[32], 2016/343[33], 2016/800[34] u 2016/1919 tal-

[30] Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1).

[31] Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1).

[32] Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1).

[33] Id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1).

[34] Id-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma ssuspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35], li jikkonċernaw drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali.

(19) Filwaqt li jiżguraw li d-drittijiet fundamentali jiġu rrispettati, ir-regoli għat-trażmissjoni, jenħtieġ li r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' ordnijiet ta' konfiska jiżguraw l-effiċjenza tal-proċess għall-irkupru ta' assi kriminali.

(20) Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska jiġu trażmessi direttament mill-awtorità emittenti lill-awtorità ta' eżekuzzjoni jew, fejn applikabbli, lil awtorità ċentrali.

(21) Jenħtieġ li ordni ta' konfiska tiġi trażmessa flimkien ma' ċertifikat standard.

(22) Jenħtieġ li l-awtorità ta' eżekuzzjoni tirrikonoxxi ordni ta' konfiska mingħajr formalità ulterjuri u għandha tieħu l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni tagħha. Hu meħtieġ li d-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska tittieħed u l-konfiska titwettaq bl-istess rapidità u prijorità bħal fir-rigward ta' każ domestiku simili. Hu meħtieġ li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien sabiex tiġi żgurata deċiżjoni u eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska rapidi u effiċjenti.

(23) Fid-dawl tal-urġenza tal-iffriżar u tan-natura provviżorja tiegħu, jenħtieġ li ordni ta' ffriżar tinħareġ fuq formola standard. Jenħtieġ li l-awtorità emittenti tivverifika jekk il-ħruġ tal-ordni ta' ffriżar huwiex meħtieġ u proporzjonat għall-fini tal-prevenzjoni provviżorja tal-qerda, it-trasformazzjoni, il-moviment, it-trasferiment jew l-allokazzjoni ta' proprjetà. Sabiex jiġu allinjati l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' ordnijiet ta' ffriżar f'każijiet interni u transfruntiera, jenħtieġ li l-ordni ta' ffriżar taħt dan ir-Regolament tinħareġ biss meta din setgħet ġiet ordnata f'każ domestiku simili.

(24) Jenħtieġ li l--awtorità ta' eżekuzzjoni tirrikonoxxi ordni ta' ffriżar mingħajr formalitajiet ulterjuri u li tieħu l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni tagħha b'mod immedjat. Jenħtieġ li d-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' ffriżar tittieħed u l-iffriżar jitwettaq bl-istess rapidità u prijorità bħal fir-rigward ta' każ domestiku simili. Għandhom jiġu stabbiliti limiti ta' żmien sabiex jiġu żgurati deċiżjoni u eżekuzzjoni tal-ordni ta' ffriżar rapidi u effiċjenti.

(25) Fl-eżekuzzjoni ta' ordni ta' ffriżar, jenħtieġ li l-awtorità emittenti u l-awtorità ta' eżekuzzjoni jikkunsidraw b'mod dovut il-kunfidenzjalità tal-investigazzjoni. Huwa meħtieġ b'mod partikolari li l-awtorità ta' eżekuzzjoni tiggarantixxi l-kunfidenzjalità tal-fatti u s-sustanza tal-ordni ta' ffriżar.

(26) Jenħtieġ li r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' ffriżar jew ta' ordni ta' konfiska ma jiġux irrifjutati fuq raġunijiet differenti minn dawk iddikjarati f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, għandu jkun possibbli għall-awtorità ta' eżekuzzjoni li ma tirrikonoxxix u ma teżegwix ordni ta' konfiska abbażi tal-prinċipju ne bis in idem, tad-drittijiet ta' kwalunkwe parti interessata, jew tad-dritt li persuna tkun preżenti waqt il-proċess.

(27) Qabel ma tittieħed deċiżjoni għall-applikazzjoni ta' raġuni fir-rigward tan-nuqqas ta' rikonoxximent u n-nuqqas ta' eżekuzzjoni, jenħtieġ li l-awtorità ta' eżekuzzjoni tikkonsulta mal-awtorità emittenti, sabiex tikseb kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa.

[35] Id-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (ĠU L 297, 4.11.2016, p.1).

(28) Jenħtieġ li jkun possibbli għall-awtorità ta' eżekuzzjoni li tipposponi l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska jew ta' ffriżar, l-aktar meta t-twettiq tagħha jista' jagħmel ħsara lil investigazzjoni kriminali li tkun għaddejja. Hekk kif ir-raġuni għall-posponiment tispiċċa, jenħtieġ li l-awtorità ta' eżekuzzjoni tieħu l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-ordni.

(29) Jenħtieġ li l-awtorità emittenti tiġi nnotifikata mingħajr dewmien dwar l-impossibbiltà tat-twettiq tal-ordni. Din l-impossibbiltà tista' tirriżulta minħabba li l-proprjetà tkun diġà ġiet konfiskata, tkun sparixxiet, ma tistax tinstab fil-post indikat mill-awtorità emittenti jew il-post fejn tinstab il-proprjetà ma ġiex indikat b'mod preċiż biżżejjed.

(30) Jenħtieġ li l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska jew ta' ffriżar tkun regolata mil-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni u l-awtoritajiet tiegħu biss għandu jkollhom il-kompetenza biex jiddeċiedu dwar il-proċeduri għal eżekuzzjoni.

(31) L-operat prattiku xieraq ta' dan ir-Regolament jippresupponi li jkun hemm komunikazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti involuti, b'mod partikolari f'każijiet ta' eżekuzzjoni simultanja ta' ordni ta' konfiska f'iżjed minn Stat Membru wieħed. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jikkonsultaw ma' xulxin kull meta jkun meħtieġ.

(32) Jenħtieġ li d-drittijiet tal-vittmi għall-kumpens u r-restituzzjoni ma jiġux ippreġudikati f'każijiet transfruntiera. Ir-regoli għall-allokazzjoni ta' proprjetà kkonfiskata għandhom jagħtu prijorità lill-kumpens u r-restituzzjoni tal-proprjetà lill-vittmi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw ukoll l-obbligi tagħhom biex jassistu fl-irkupru ta' talbiet tat-taxxa minn Stati Membri oħrajn skont id-Direttiva 2010/24/UE[36].

(33) Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jitolbu mingħand xulxin ir-rimborż ta' spejjeż li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Madankollu, meta l-Istat ta' eżekuzzjoni jkollu spejjeż kbar jew eċċezzjonali, proposta mill-awtorità ta' eżekuzzjoni biex l-ispejjeż jinqasmu għandha tiġi kkunsidrata mill-awtorità emittenti.

(34) Jenħtieġ li kwalunkwe parti interessata, inklużi partijiet terzi bona fide, jkollha rimedji legali kontra r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska sabiex iżżomm id-drittijiet tagħha, inkluża l-possibbiltà effettiva li tikkontesta l-ordni quddiem qorti jew titlob it-titolu tas-sjieda jew drittijiet ta' proprjetà oħrajn skont id-Direttiva 2014/42/UE. L-azzjoni għandha titressaq quddiem qorti fl-Istat ta' eżekuzzjoni.

(35) Sabiex jiġu emendati ċ-ċertifikat u l-formola stabbiliti fl-Annessi I u II għal dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha għal atti delegati, inkluż fil-livell tal-esperti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal l-atti delegati, tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(36) Billi l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri r-rikonoxximent reċiproku u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska, ma jistax jintlaħaq mill-Istati Membri iżda jista', minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-

[36] Id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra (ĠU L 84, 31.3.2010, p. 1).

Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak il-għan.

(37) Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru 2003/577/ĠAI diġà ġew sostitwiti bid-Direttiva 2014/41/UE[37] fir-rigward tal-iffriżar tal-evidenza. Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru 2003/577/ĠAI jiġu sostitwiti minn dan ir-Regolament bejn l-Istati Membri marbuta minnha fir-rigward tal-iffriżar fid-dawl ta' konfiska sussegwenti ta' proprjetà. Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet għall-iffriżar tal-evidenza u fid-dawl ta' konfiska sussegwenti jiġu allinjati. Jenħtieġ li dan ir-Regolament wkoll jissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru 2006/783/ĠAI bejn l-Istati Membri marbuta bih.

(38) Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, *[ir-Renju Unit u l-Irlanda nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] jew [u bla preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, ir-Renju Unit u l-Irlanda mhumiex qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhumiex marbuta bih jew soġġetti għall-applikazzjoni tiegħu.]*

(39) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u għalhekk la hija marbuta bih u lanqas soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU I

# SUĠĠETT, DEFINIZZJONIJIET U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

*Artikolu 1*

**Suġġett**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli li taħthom Stat Membru għandu jirrikonoxxi u jwettaq fit-territorju tiegħu ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska maħruġa minn Stat Membru ieħor fil-qafas tal-proċedimenti kriminali.

2. Ir-Regolament ma għandux ikollu l-effett li jemenda l-obbligu għar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tat-TUE.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[37] Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1).

*(1)* “ordni ta’ konfiska” tfisser penali jew miżura finali imposta minn qorti b’segwitu għal proċedimenti fir-rigward ta’ reat kriminali, li tirriżulta fl-ipprivar definittiv ta’ proprjetà minn persuna fiżika jew ġuridika;

(2) “Ordni ta’ ffriżar” tfisser deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa jew validata minn awtorità msemmija fil-punt (8) fir-rigward ta’ ordni ta’ ffriżar fl-Istat emittenti sabiex jiġi evitat b’mod provviżorju l-qerda, il-konverżjoni, il-moviment, it-trasferiment jew l-allokazzjoni ta’ proprjetà fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement;

(3) “proprjetà” tfisser proprjetà ta’ kwalunkwe deskrizzjoni, kemm jekk materjali kif ukoll jekk immaterjali, mobbli jew immobbli, u d-dokumenti jew l-istrumenti legali li jixhdu dritt jew interess fi proprjetà bħal din, li l-awtorità emittenti tikkunsidra li:

(a) hija r-rikavat minn reat, jew l-ekwivalenti tiegħu, għall-valur totali jew parti mill-valur ta’ tali rikavat,

(b) il-mezzi strumentali ta’ tali reat, jew il-valur ta’ dawn il-mezzi strumentali,

(c) tista’ tiġi kkonfiskata b’riżultat tal-applikazzjoni fl-Istat emittenti ta’ kwalunkwe setgħa ta’ konfiska prevista fid-Direttiva 2014/42/UE, jew

(d) tista’ tiġi kkonfiskata taħt kwalunkwe dispożizzjoni oħra li għandha x’taqsam ma’ setgħat ta’ konfiska taħt il-liġi tal-Istat emittenti;

(4) “rikavat” tfisser kwalunkwe vantaġġ ekonomiku li jirriżulta, direttament jew indirettament, minn reat kriminali; dan jista’ jikkonsisti minn kwalunkwe forma ta’ proprjetà u jinkludi kwalunkwe investiment mill-ġdid jew kwalunkwe trasformazzjoni ta’ rikavat dirett u kwalunkwe benefiċċju ta’ valur li jsiru sussegwentement;

(5) “mezzi strumentali” tfisser kwalunkwe proprjetà użata jew maħsuba biex tintuża, bi kwalunkwe mod, kompletament jew parzjalment, biex jitwettaq reat kriminali jew reati kriminali;

(6) “Stat emittenti” tfisser l-Istat Membru li fih ħarġet ordni ta’ ffriżar jew ordni ta’ konfiska fil-qafas ta’ proċedimenti kriminali;

(7) “Stat ta’ eżekuzzjoni” tfisser l-Istat Membru li lilu ġiet trażmessa ordni ta’ ffriżar jew ta’ konfiska għall-iskop ta’ rikonoxximent u ta’ eżekuzzjoni;

(8) “awtorità emittenti” tfisser:

(a) fir-rigward ta’ ordni ta’ ffriżar:

(1) imħallef, qorti, imħallef inkwirenti jew prosekutur pubbliku kompetenti fil-każ ikkonċernat; jew

(2) kwalunkwe awtorità kompetenti oħra kif definit mill-Istat emittenti li għandha l-kompetenza fi proċedimenti kriminali biex tordna l-iffriżar ta’ proprjetà jew li teżegwixxi ordni ta’ ffriżar skont il-liġi nazzjonali. Barra minn hekk, qabel ma tiġi trażmessa lill-awtorità ta’ eżekuzzjoni, l-ordni ta’ ffriżar għandha tiġi vvalidata, wara l-eżaminazzjoni tal-konformità tagħha mal-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta’ tali ordni taħt dan ir-Regolament, partikolarment il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1), minn imħallef, qorti,

imħallef inkwirenti jew prosekutur pubbliku fl-Istat emittenti. Fejn l-ordni tkun ġiet ivvalidata minn tali awtorità, dik l-awtorità tista' titqies ukoll bħala awtorità emittenti għall-finijiet tat-trażmissjoni tal-ordni;

(b) fir-rigward ta' ordni ta' konfiska, awtorità kompetenti kif definit mill-Istat emittenti li, fi proċedimenti kriminali, għandha l-kompetenza li tinforza ordni ta' konfiska maħruġa minn qorti skont il-liġi nazzjonali;

(9) "awtorità ta' eżekuzzjoni" tfisser awtorità li għandha l-kompetenza li tirrikonoxxi ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska u tiżgura l-eżekuzzjoni tagħha skont dan ir-Regolament u l-proċeduri applikabbli f'każ domestiku simili.

*Artikolu 3*

**Ir-reati**

1. Ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska għandha tagħti lok għal eżekuzzjoni mingħajr verifika tal-kriminalità doppja tal-aġir jekk l-aġir li ta lok għall-ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska jikkostitwixxi wieħed jew aktar mir-reati li ġejjin, kif definit mil-liġi tal-Istat emittenti, u huwa punibbli fl-Istat emittenti b'sentenza ta' kustodja ta' massimu ta' mill-inqas tliet snin: :

- parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali,
- terroriżmu,
- traffikar tal-bnedmin,
- sfruttament sesswali ta' tfal u pornografija tat-tfal,
- traffikar illeċitu fid-drogi narkotiċi u s-sustanzi psikotropiċi,
- traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi,
- korruzzjoni,
- frodi u reati kriminali relatati mal-frodi kif definit fid-Direttiva 2017/xxx/UE dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali,
- frodi, inkluża dik li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej fis-sens tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej,
- ħasil ta' flus ta' rikavat minn attività kriminali,
- falsifikazzjoni ta' munita, inkluż tal-euro,
- attività kriminali relatata mal-informatika,
- attività kriminali ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċijiet ta' annimali fil-periklu u ta' speċijiet u varjetajiet ta' pjanti fil-periklu,
- faċilitazzjoni tad-dħul u tar-residenza mhux awtorizzati,
- qtil, offiżi fiżiċi gravi fuq il-persuna,
- kummerċ illeċitu ta' organi u tessuti tal-bniedem,
- ħtif ta' persuni, żamma illegali u teħid ta' ostaġġi,
- razziżmu u ksenofobija,
- serq organizzat jew bl-użu ta' armi,
- traffikar illeċitu f'beni kulturali, inklużi antikitajiet u opri tal-arti,
- qligħ b'qerq,
- rikattar organizzat u estorsjoni,
- falsifikazzjoni ta' flus u piraterija ta' prodotti,
- falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u t-traffikar tagħhom,
- frodi u falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas mhux bi flus kontanti,
- traffikar illeċitu f'sustanzi ormonali u fi promoturi oħrajn ta' tkabbir,

- traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjuattivi,
- traffikar ta' vetturi misruqa,
- stupru,
- ħruq,
- reati fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,
- qbid illegali ta' inġenji tal-ajru jew ta' bastimenti,
- sabotaġġ.

2. Għal reati oħra minbarra dawk koperti mill-paragrafu 1, l-Istat ta' eżekuzzjoni jista' jagħmel ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' ffriżar jew ordni ta' konfiska soġġetti għall-kundizzjoni li l-atti li jagħtu lok għall-ordni ta' ffriżar jew l-ordni ta' konfiska jikkostitwixxu reat taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni, indipendentement mill-elementi kostitwenti tiegħu jew il-mod kif hu deskritt taħt il-liġi tal-Istat emittenti.

# KAPITOLU II

# IT-TRAŻMISSJONI, IR-RIKONOXXIMENT U L-EŻEKUZZJONI TA' ORDNIJIET TA' KONFISKA

*Artikolu 4*

**It-trażmissjoni ta' ordnijiet ta' konfiska**

1. Ordni ta' konfiska, jew kopja ċertifikata tagħha, għandha tiġi trażmessa flimkien maċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 7 mill-awtorità emittenti direttament lill-awtorità ta' eżekuzzjoni jew, fejn applikabbli, lill-awtorità ċentrali msemmija fl-Artikolu 27(2) permezz ta' kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub, taħt kundizzjonijiet li jippermettu lill-awtorità ta' eżekuzzjoni li tistabbilixxi l-awtentiċità.

2. Fir-rigward ta' ordni ta' konfiska li tikkonċerna ammont ta' flus, l-ordni għandha tiġi trażmessa lill-Istat Membru li fih l-awtorità emittenti għandha raġunijiet raġonevoli biex temmen li l-persuna fiżika jew ġuridika li kontriha nħarġet l-ordni għandha proprjetà jew dħul.

3. Fir-rigward ta' ordni ta' konfiska li tikkonċerna partiti speċifiċi ta' proprjetà, l-ordni għandha tiġi trażmessa lill-Istat Membru li fih l-awtorità emittenti għandha raġunijiet raġonevoli biex temmen li tinstab proprjetà koperta mill-ordni ta' konfiska.

4. Fejn hemm raġunijiet raġonevoli li jippermettu lill-awtorità emittenti tiddetermina l-Istat Membru li lilu għandha tiġi trażmessa l-ordni ta' konfiska, l-ordni għandha tiġi trażmessa lill-Istat Membru fejn il-persuna fiżika jew ġuridika li kontriha nħarġet l-ordni hija normalment residenti jew li għandha s-sede reġistrata tagħha rispettivament.

5. Fejn l-awtorità kompetenti ta' eżekuzzjoni mhijiex magħrufa, l-awtorità emittenti għandha tagħmel l-inkjesti kollha meħtieġa, inkluż permezz tal-punti ta' kuntatt tan-Network Ġudizzjarju Ewropew[38] sabiex tikseb l-informazzjoni mill-Istat ta' eżekuzzjoni.

[38] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/976/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew, ĠU L 348, 24.12.2008, p. 130.

6. Meta l-awtorità fl-Istat ta' eżekuzzjoni li tirċievi ordni ta' konfiska, ma għandhiex il-ġurisdizzjoni biex tirrikonoxxiha u tieħu l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni tagħha, għandha, b'mod immedjat, tittrażmetti l-ordni ta' konfiska lill-awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti fl-Istat Membru tagħha u għandha tinforma lill-awtorità emittenti kif meħtieġ.

*Artikolu 5*

**It-trażmissjoni ta' ordni ta' konfiska lil Stat wieħed ta' eżekuzzjoni jew aktar**

1. Ordni ta' konfiska tista' tiġi trażmessa biss skont l-Artikolu 4 lil Stat wieħed ta' eżekuzzjoni fi kwalunkwe mument speċifiku.

2. Ordni ta' konfiska li tikkonċerna partiti speċifiċi ta' proprjetà tista' tiġi trażmessa lil iżjed minn Stat ta' eżekuzzjoni wieħed fl-istess ħin meta:

(a) l-awtorità emittenti għandha raġunijiet raġonevoli biex temmen li partiti differenti ta' proprjetà koperti mill-ordni ta' konfiska jinsabu fi Stati ta' eżekuzzjoni differenti,

(b) il-konfiska ta' partita speċifika ta' proprjetà koperta mill-ordni ta' konfiska tinvolvi azzjoni f'iżjed minn Stat ta' eżekuzzjoni wieħed, jew

(c) l-awtorità emittenti għandha raġunijiet raġonevoli biex temmen li partita speċifika ta' proprjetà koperta mill-ordni ta' konfiska tinsab f'wieħed minn żewġ Stati ta' eżekuzzjoni speċifikati jew aktar.

3. Ordni ta' konfiska li tikkonċerna ammont ta' flus tista' tiġi trażmessa lil iżjed minn Stat ta' eżekuzzjoni wieħed fl-istess ħin, meta l-awtorità emittenti tikkunsidra li hemm bżonn speċifiku li jsir hekk, b'mod partikolari fejn:

(a) il-proprjetà kkonċernata ma ġietx iffriżata taħt dan ir-Regolament, jew

(b) il-valur tal-proprjetà li tista' tiġi konfiskata fl-Istat emittenti u fi kwalunkwe Stat wieħed ta' eżekuzzjoni probabbilment ma jkunx biżżejjed għall-eżekuzzjoni tal-ammont sħiħ kopert mill-ordni ta' konfiska.

*Artikolu 6*

**Konsegwenzi tat-trażmissjoni ta' ordnijiet ta' konfiska**

1. It-trażmissjoni ta' ordni ta' konfiska lil Stat ta' eżekuzzjoni wieħed jew aktar skont l-Artikoli 4 u 5 m'għandhiex tirrestrinġi d-dritt tal-Istat emittenti biex huwa stess jeżegwixxi l-ordni.

2. Meta ordni ta' konfiska li tikkonċerna ammont ta' flus tiġi trażmessa lil Stat ta' eżekuzzjoni wieħed jew aktar, il-valur totali miksub mill-eżekuzzjoni tagħha ma jistax jeċċedi l-ammont massimu speċifikat fl-ordni ta' konfiska.

3. L-awtorità emittenti għandha tinforma b'mod immedjat lill-awtorità ta' eżekuzzjoni permezz ta' kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub:

(a) jekk tikkunsidra li hemm riskju li tista' sseħħ eżekuzzjoni lil hinn mill-ammont massimu, b'mod partikolari abbażi ta' informazzjoni notifikata lilha mill-awtorità ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 11(1)(b);

(b) jekk l-ordni ta’ ffriżar jew ta’ konfiska tkun ġiet eżegwita kompletament jew parzjalment fl-Istat emittenti jew fi Stat ta’ eżekuzzjoni ieħor, fejn tispeċifika l-ammont li għalih l-ordni ta’ ffriżar jew ta’ konfiska għadha ma ġietx eżegwita;

(c) jekk, wara t-trażmissjoni ta’ ordni skont l-Artikoli 4, awtorità tal-Istat emittenti tirċievi kwalunkwe somma ta’ flus li l-persuna kkonċernata ħallset volontarjament fir-rigward tal-ordni.

Meta japplika l-punt (b), l-awtorità emittenti għandha tinforma kemm jista’ jkun malajr lill-awtorità ta’ eżekuzzjoni dwar jekk ir-riskju msemmi spiċċax.

4. Meta l-Istat emittenti jindika li jixtieq jirtira l-ordni mill-Istat ta’ eżekuzzjoni għal kwalunkwe raġuni, l-Istat ta’ eżekuzzjoni għandu jtemm l-eżekuzzjoni tal-ordni ta’ konfiska b’mod immedjat.

*Artikolu 7*

**Ċertifikat standard**

1. L-awtorità emittenti għandha timla ċ-ċertifikat stabbilit fl-Anness I, tiffirmah u tiċċertifika l-kontenut tiegħu bħala preċiż u korrett.

2. L-awtorità emittenti għandha tittraduċi ċ-ċertifikat f’lingwa uffiċjali tal-Istat ta’ eżekuzzjoni jew fi kwalunkwe lingwa oħra indikata mill-Istat Membru skont il-paragrafu 3.

3. Kwalunkwe Stat Membru jista’, fi kwalunkwe ħin, jistqarr permezz ta’ dikjarazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni, li jaċċetta traduzzjoni f’lingwa uffiċjali waħda oħra jew aktar tal-Unjoni.

*Artikolu 8*

**Ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta’ ordnijiet ta’ konfiska**

1. L-awtorità ta’ eżekuzzjoni għandha tirrikonoxxi mingħajr aktar formalitajiet ordni ta’ konfiska li ġiet trażmessa skont l-Artikolu 4, u għandha tieħu l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni tagħha bl-istess mod bħal ordni ta’ konfiska magħmula minn awtorità tal-Istat ta’ eżekuzzjoni, sakemm dik l-awtorità ma tiddeċidix li tinvoka waħda mir-raġunijiet għal nuqqas ta’ rikonoxximent u nuqqas ta’ eżekuzzjoni previsti fl-Artikolu 9, jew waħda mir-raġunijiet għal posponiment previsti fl-Artikolu 11.

2. Jekk ordni ta’ konfiska tikkonċerna partita speċifika ta’ proprjetà, l-awtoritajiet emittenti u ta’ eżekuzzjoni jistgħu, jekk dan ikun previst fil-liġi tal-Istat emittenti, jaqblu li konfiska fl-Istat ta’ eżekuzzjoni tista’ tieħu l-forma ta’ rekwiżit għal ħlas ta’ somma flus li tikkorrispondi għall-valur tal-proprjetà.

3. Jekk ordni ta’ konfiska tikkonċerna ammont ta’ flus, l-awtorità ta’ eżekuzzjoni għandha, jekk il-ħlas ma jinkisibx, teżegwixxi l-ordni ta’ konfiska skont il-paragrafu 1 fuq kull partita ta’ proprjetà disponibbli għal dan il-għan. Jekk meħtieġ, l-awtorità ta’ eżekuzzjoni għandha tikkonverti l-ammont ta’ flus li jrid jiġi kkonfiskat fil-munita tal-Istat ta’ eżekuzzjoni bir-rata ta’ skambju applikabbli fiż-żmien meta nħarġet l-ordni ta’ konfiska.

4. Hekk kif tiġi eżegwita l-ordni, l-awtorità ta’ eżekuzzjoni għandha tinforma lill-awtorità emittenti permezz ta’ kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub.

*Artikolu 9*

**Ir-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent u għal nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' konfiska**

1. L-awtorità ta' eżekuzzjoni tista' tiddeċiedi li ma tirrikonoxxix u ma twettaqx ordnijiet ta' konfiska biss jekk:

(a) iċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 7 ma jkunx komplet, b'mod evidenti jkun żbaljat jew b'mod evidenti ma jkunx jikkorrispondi mal-ordni ta' konfiska, u ma jkunx tlesta wara l-konsultazzjoni skont il-paragrafu 2;

(b) l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska tmur kontra l-prinċipju ta' *ne bis in idem*;

(c) hemm immunità jew privileġġ taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni li tipprevjeni l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska domestika fuq il-proprjetà kkonċernata;

(d) l-ordni ta' konfiska hija bbażata fuq reat kriminali mwettaq barra mit-territorju tal-Istat emittenti u totalment jew parzjalment fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni, u l-kondotta li fir-rigward tagħha tkun inħarġet l-ordni ta' konfiska ma tkunx reat fl-Istat ta' eżekuzzjoni;

(e) id-drittijiet ta' kwalunkwe parti terza bona fide, taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni jagħmlu l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska impossibbli, inkluż meta dik l-impossibbiltà hija konsegwenza tal-applikazzjoni ta' rimedji legali skont l-Artikolu 31;

(f) jekk, f'każ imsemmi fl-Artikolu 3(2), il-kondotta li fuqha tkun ibbażata l-ordni ta' konfiska ma tikkostitwixxix reat taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni; madankollu, fir-rigward ta' taxxi jew dazji, dazji doganali u kambju, l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska ma tistax tiġi rifjutata għar-raġuni li l-liġi fl-Istat ta' eżekuzzjoni ma timponix l-istess xorta ta' taxxa jew dazju jew ma fihiex l-istess tip ta' regoli għal dak li għandu x'jaqsam ma' taxxi, dazji, dazji doganali u regolamenti ta' kambju bħal-liġi tal-Istat emittenti;

(g) skont iċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 7, il-persuna ma dehritx personalment fil-proċess li rriżulta fl-ordni ta' konfiska marbuta ma' kundanna definittiva.

Din ir-raġuni għal nuqqas ta' rikonoxximent u nuqqas ta' eżekuzzjoni ma għandhiex tapplika fejn iċ-ċertifikat jiddikjara li l-persuna, skont rekwiżiti proċedurali ulterjuri definiti fil-liġi nazzjonali tal-Istat emittenti:

(1) ġiet imsejħa fil-ħin b'mod personali u għaldaqstant kienet infurmata bid-data u l-post skedati tal-proċess li rriżulta fl-ordni ta' konfiska, jew b'mezzi oħra effettivament irċeviet informazzjoni uffiċjali dwar id-data u l-post skedati ta' dak il-proċess b'tali mod li kien stabbilit inekwivokabbilment li hija kienet konxja mill-proċess skedat, u kienet infurmata fi żmien xieraq li tali ordni ta' konfiska setgħet tingħata jekk hija ma tidhirx għall-proċess;

(2) konxja mill-proċess skedat, kienet tat mandat lil konsulent legali, li kien innominat mill-persuna kkonċernata jew mill-Istat, biex jiddefendiha fil-proċess, u kienet fil-fatt ġiet difiża minn dak il-konsulent fil-proċess; jew

(3) wara li kienet innotifikata bl-ordni ta' konfiska u kienet infurmata espressament bid-dritt għal kawża mill-ġdid, jew appell, li fihom il-persuna għandha d-dritt li tipparteċipa u li jippermettu li jiġu eżaminati

mill-ġdid il-merti tal-każ, inkluża evidenza ġdida, u li jistgħu jwasslu biex tinbidel id-deċiżjoni oriġinali:

- iddikjarat espressament li hija ma tikkontestax l-ordni ta' konfiska, jew

- ma talbitx kawża mill-ġdid jew appell fil-perjodu ta' żmien applikabbli.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, qabel tiddeċiedi li ma tirrikonoxxix jew ma twettaqx l-ordni ta' konfiska, kompletament jew parzjalment, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tikkonsulta mal-awtorità emittenti, bi kwalunkwe mezz xieraq, u għandha, meta jkun il-każ, titlob biex l-awtorità emittenti tipprovdi kwalunkwe informazzjoni meħtieġa mingħajr dewmien.

3. Kwalunkwe deċiżjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni għandha tittieħed mingħajr dewmien u b'mod immedjat tiġi nnotifikata lill-awtorità emittenti permezz ta' kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub.

*Artikolu 10*

**Il-limiti taż-żmien għar-rikonoxximent u għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' konfiska**

1. Id-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska għandha tittieħed, u l-konfiska għandha titwettaq, bl-istess rapidità u prijorità bħal f'każ domestiku simili u, fi kwalunkwe każ, fil-limiti ta' żmien previsti f'dan l-Artikolu.

2. L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tieħu d-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska mingħajr dewmien u, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5, mhux aktar tard minn 30 jum wara li l-awtorità ta' eżekuzzjoni tkun irċeviet l-ordni ta' konfiska.

3. L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tikkomunika d-deċiżjoni dwar ordni ta' konfiska lill-awtorità emittenti mingħajr dewmien permezz ta' kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub.

4. Sakemm ma jeżistux raġunijiet għal posponiment skont l-Artikolu 11, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha twettaq il-konfiska mingħajr dewmien u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, mhux aktar tard minn 30 jum wara t-teħid tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

5. Fejn mhux possibbli f'każ speċifiku li jiġu ssodisfati l-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafi 2 jew 4, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha, mingħajr dewmien, tinforma lill-awtorità emittenti, bi kwalunkwe mezz, fejn tagħti r-raġunijiet għad-dewmien u għandha tikkonsulta mal-awtorità emittenti dwar il-ħin xieraq biex titwettaq il-konfiska. F'tali każ, il-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafi 2 jew 4, jista' jiġi estiż b'massimu ta' 30 jum.

*Artikolu 11*

**Il-posponiment tal-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' konfiska**

1. L-awtorità ta' eżekuzzjoni tista' tipposponi l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska trażmessa skont l-Artikolu 4 meta:

(a) it-twettiq tagħha jista' jagħmel ħsara lil investigazzjoni kriminali li tkun għaddejja, sa dak iż-żmien li jidhrilha raġonevoli;

(b) fil-każ ta' ordni ta' konfiska li tikkonċerna ammont ta' flus, tikkonsidra li hemm riskju li l-valur totali miksub mill-eżekuzzjoni tagħha jista' jeċċedi

b'mod konsiderevoli l-ammont speċifikat fl-ordni ta' konfiska minħabba l-eżekuzzjoni simultanja tal-ordni ta' konfiska f'iżjed minn Stat Membru wieħed;

(c) il-proprjetà tkun diġà s-suġġett ta' proċedimenti ta' konfiska fl-Istat ta' eżekuzzjoni;

(d) fil-każijiet ta' rimedji legali msemmija fl-Artikolu 33.

2. L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha mingħajr dewmien tagħmel rapport lill-awtorità emittenti permezz ta' kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub dwar il-posponiment tal-eżekuzzjoni tal-ordni, inklużi r-raġunijiet għall-posponiment u, jekk possibbli, iż-żmien kemm mistenni jdum il-posponiment.

3. Hekk kif ir-raġuni għal posponiment ma tibqax teżisti, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha mingħajr dewmien tieħu l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-ordni u tinforma lill-awtorità emittenti tagħha permezz ta' kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub.

*Artikolu 12*

**L-impossibbiltà tal-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska**

Meta l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska tkun impossibbli, minħabba li l-proprjetà li għandha tiġi kkonfiskata tkun diġà ġiet konfiskata, sparixxiet, ġiet distrutta, jew ma tistax tinstab fil-post indikat fiċ-ċertifikat jew minħabba li l-post fejn tinstab il-proprjetà ma ġiex indikat b'mod preċiż biżżejjed, anki wara konsultazzjoni mal-awtorità emittenti, l-awtorità emittenti għandha tiġi nnotifikata minnufih. Fejn huwa possibbli, l-ordni tista' tiġi eżegwita fuq proprjetà oħra skont l-Artikolu 8(2) jew (3).

# KAPITOLU III

# IT-TRAŻMISSJONI, IR-RIKONOXXIMENT U L-EŻEKUZZJONI TA' ORDNIJIET TA' FFRIŻAR

*Artikolu 13*

**Il-kundizzjonijiet għall-ħruġ u t-trażmissjoni ta' ordni ta' ffriżar**

1. L-awtorità emittenti tista' toħroġ ordni ta' ffriżar sakemm il-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati:

(a) il-ħruġ tal-ordni hija meħtieġa u proporzjonata sabiex jiġi evitat b'mod provviżorju l-qerda, it-trasformazzjoni, il-moviment, it-trasferiment jew l-allokazzjoni ta' proprjetà fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement wara li jiġu kkunsidrati d-drittijiet tal-persuna kkonċernata;

(b) l-ordni setgħet tiġi ordnata taħt l-istess kundizzjonijiet f'każ domestiku simili; kif ukoll

(c) ir-raġuni jew ir-raġunijiet għall-ordni huma indikati b'mod xieraq, tal-inqas fil-qosor.

2. Il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu vvalutati mill-awtorità emittenti f'kull każ.

3. Meta l-awtorità ta' eżekuzzjoni jkollha raġuni biex temmen li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma ġewx issodisfati, hija tista', wara li twettaq l-ordni, tikkonsulta mal-awtorità emittenti dwar l-importanza li jitkompla l-iffriżar. Din il-konsultazzjoni ma għandhiex tkun ta' dewmien għall-eżekuzzjoni tal-ordni ta' ffriżar. Wara din il-konsultazzjoni, l-awtorità emittenti tista' tiddeċiedi li tirtira l-ordni.

*Artikolu 14*

**It-trażmissjoni tal-ordni ta' ffriżar**

1. Ordni ta' ffriżar għandha tiġi trażmessa fil-forma prevista fl-Artikolu 16 mill-awtorità emittenti direttament lill-awtorità ta' eżekuzzjoni jew, fejn applikabbli, lill-awtorità ċentrali msemmija fl-Artikolu 27(2), permezz ta' kwalunkwe mezz li kapaċi jħalli rekord bil-miktub, taħt kundizzjonijiet li jippermettu lill-awtorità ta' eżekuzzjoni tistabbilixxi l-awtentiċità.

2. Fir-rigward ta' ordni ta' ffriżar li tikkonċerna ammont ta' flus, l-ordni għandha tiġi trażmessa lill-Istat Membru li fih l-awtorità emittenti għandha raġunijiet raġonevoli biex temmen li l-persuna fiżika jew ġuridika li kontriha nħarġet l-ordni għandha proprjetà jew dħul.

3. Fil-każ ta' ordni ta' ffriżar li tikkonċerna partiti speċifiċi ta' proprjetà, l-ordni għandha tiġi trażmessa lill-Istat Membru li fih l-awtorità emittenti għandha raġunijiet raġonevoli biex temmen li tinstab proprjetà koperta mill-ordni ta' ffriżar.

4. Jekk m'hemmx raġunijiet raġonevoli li jippermettu lill-awtorità emittenti tiddetermina lil liema Stat Membru tista' tiġi trażmessa l-ordni ta' ffriżar, l-ordni għandha tiġi trażmessa lill-Istat Membru fejn il-persuna fiżika jew ġuridika li kontriha nħarġet l-ordni hija normalment residenti jew li għandha s-sede reġistrata tagħha rispettivament.

5. L-ordni ta' ffriżar msemmija fil-paragrafu 1:

   (a) għandha tkun akkumpanjata minn ordni ta' konfiska trażmessa skont l-Artikolu 4, jew,

   (b) għandu jkun fiha struzzjoni li l-proprjetà għandha tibqa' fl-Istat ta' eżekuzzjoni sakemm tintbagħat ordni ta' konfiska skont l-Artikolu 4. L-awtorità emittenti għandha tindika d-data stmata għal din it-trażmissjoni fil-formola msemmija fl-Artikolu 16.

6. L-awtorità emittenti għandha tinforma lill-awtorità ta' eżekuzzjoni jekk tkun konxja bi kwalunkwe parti interessata, inklużi partijiet terzi bona fide, li tiġi affettwata mill-ordni ta' ffriżar.

7. Jekk l-awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti mhijiex magħrufa, l-awtorità emittenti għandha tagħmel l-inkjesti kollha meħtieġa, inkluż permezz tal-punti ta' kuntatt tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew[39], sabiex tikseb l-informazzjoni mill-Istat ta' eżekuzzjoni.

8. Fejn l-awtorità ta' eżekuzzjoni li tirċievi ordni ta' ffriżar, ma għandha l-ebda kompetenza biex tirrikonoxxiha u tieħu l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni tagħha, din għandha, b'mod immedjat, tittrażmetti l-ordni ta' ffriżar lill-awtorità ta'

[39] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/976/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew, ĠU L 348, 24.12.2008, p. 130.

eżekuzzjoni kompetenti fl-Istat Membru tagħha u għandha tinforma lill-awtorità emittenti kif xieraq.

*Artikolu 15*

**It-trażmissjoni ta' ordni ta' ffriżar lil Stat ta' eżekuzzjoni wieħed jew aktar**

1. Ordni ta' ffriżar tista' tiġi trażmessa biss skont l-Artikolu 14 lil Stat wieħed ta' eżekuzzjoni fi kwalunkwe mument speċifiku.

2. Ordni ta' ffriżar li tikkonċerna partiti speċifiċi ta' proprjetà tista' tiġi trażmessa lil iżjed minn Stat ta' eżekuzzjoni wieħed fl-istess ħin meta:

   (a) l-awtorità emittenti għandha raġunijiet raġonevoli biex temmen li partiti differenti ta' proprjetà koperti mill-ordni ta' ffriżar jinsabu fi Stati ta' eżekuzzjoni differenti;

   (b) l-iffriżar ta' partita speċifika ta' proprjetà koperta mill-ordni ta' ffriżar tinvolvi azzjoni f'iżjed minn Stat ta' eżekuzzjoni wieħed; jew

   (c) l-awtorità emittenti għandha raġunijiet raġonevoli biex temmen li partita speċifika ta' proprjetà koperta mill-ordni ta' ffriżar tinsab f'wieħed minn żewġ Stati ta' eżekuzzjoni jew aktar speċifikati.

3. Ordni ta' ffriżar li tikkonċerna ammont ta' flus tista' tiġi trażmessa lil iżjed minn Stat wieħed ta' eżekuzzjoni fl-istess ħin, meta l-awtorità emittenti tikkunsidra li hemm bżonn speċifiku li jsir hekk, b'mod partikolari meta l-valur stmat tal-proprjetà li tista' tiġi ffriżata fl-Istat emittenti u fi kwalunkwe Stat wieħed ta' eżekuzzjoni probabbilment ma jkunx biżżejjed għall-eżekuzzjoni tal-ammont sħiħ kopert mill-ordni ta' ffriżar.

*Artikolu 16*

**Formola tal-ordni ta' ffriżar**

1. L-ordni ta' ffriżar għandha tinħareġ fil-forma stabbilita fl-Anness II.

2. L-awtorità emittenti għandha timla l-formola, tiffirmaha u tiċċertifika l-kontenut tagħha bħala preċiż u korrett.

3. L-awtorità emittenti għandha tittraduċi l-ordni ta' ffriżar f'lingwa uffiċjali tal-Istat ta' eżekuzzjoni jew fi kwalunkwe lingwa oħra indikata minn dak l-Istat Membru skont il-paragrafu 4.

4. Kwalunkwe Stat Membru jista', fi kwalunkwe ħin, jistqarr permezz ta' dikjarazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni, li jaċċetta traduzzjoni f'lingwa uffiċjali waħda oħra jew aktar tal-Unjoni.

*Artikolu 17*

**Ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar**

L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tirrikonoxxi ordni ta' ffriżar trażmessa skont l-Artikolu 14 mingħajr aktar formalitajiet, u għandha tieħu l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni tagħha, sakemm l-awtorità ma tiddeċidix li tinvoka waħda mir-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent jew nuqqas ta' eżekuzzjoni previsti fl-Artikolu 18, jew waħda mir-raġunijiet għal posponiment previsti fl-Artikolu 20.

*Artikolu 18*

**Ir-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent u għal nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar**

1. L-awtorità ta' eżekuzzjoni tista' tiddeċiedi li ma tirrikonoxxix u ma twettaqx ordnijiet ta' ffriżar biss jekk:

(a) il-formola prevista fl-Artikolu 16 ma tkunx kompleta jew b'mod evidenti tkun żbaljata, u ma tkunx tlestiet wara l-konsultazzjoni skont il-paragrafu 2;

(b) l-eżekuzzjoni tal-ordni tmur kontra l-prinċipju ta' *ne bis in idem*

(c) hemm immunità jew privileġġ taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni li tipprevjeni l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' ffriżar domestiku fuq il-proprjetà kkonċernata;

(d) l-ordni hija bbażata fuq reat kriminali li jkun sar barra mit-territorju tal-Istat emittenti u totalment jew parzjalment fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni, u l-kondotta li fir-rigward tagħha tkun inħarġet l-ordni ta' ffriżar ma tkunx reat fl-Istat ta' eżekuzzjoni;

(e) f'każ imsemmi fl-Artikolu 3(2), il-kondotta li fuqha tkun ibbażata l-ordni ta' ffriżar ma tikkostitwixxix reat taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni; madankollu, fir-rigward ta' taxxi jew dazji, dazji doganali u skambju, l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' ffriżar ma għandhiex tiġi rrifjutata fuq ir-raġuni li l-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni ma timponix l-istess tip taxxa jew dazju jew ma jkunx fiha l-istess tip ta' regoli fir-rigward ta' taxxi, dazji u r-regolamenti tad-dazji doganali u tal-iskambju bħal-liġi tal-Istat emittenti;

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, qabel ma jiġi deċiż li tiġix rikonoxxuta jew eżegwita l-ordni ta' ffriżar, kompletament jew parzjalment, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tikkonsulta mal-awtorità emittenti, bi kwalunkwe mezz adattat, u għandha, fejn ikun il-każ, titlob biex l-awtorità emittenti tipprovdi kwalunkwe informazzjoni meħtieġa mingħajr dewmien.

3. L-awtorità ta' eżekuzzjoni tista' tiddeċiedi li tneħħi l-ordni ta' ffriżar, jekk, matul l-eżekuzzjoni, issir konxja li tapplika waħda mir-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent u nuqqas ta' eżekuzzjoni.

*Artikolu 19*

**Il-limiti ta' żmien għar-rikonoxximent u għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar**

1. Id-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' ffriżar għandha tittieħed, u l-iffriżar għandu jitwettaq, bl-istess rapidità u prijorità bħal f'każ domestiku simili u, fi kwalunkwe każ, fil-limiti ta' żmien previsti f'dan l-Artikolu.

2. Meta l-awtorità emittenti tkun indikat fl-ordni ta' ffriżar li hemm raġunijiet leġittimi biex wieħed jemmen li l-proprjetà kkonċernata tkun se tiġi mċaqalqa jew meqruda b'mod imminenti u li hemm il-ħtieġa għall-iffriżar immedjat, jew jekk l-awtorità emittenti tkun indikat fl-ordni ta' ffriżar li l-miżura ta' ffriżar trid titwettaq f'data speċifika, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tikkunsidra b'mod sħiħ dan ir-rekwiżit.

3. L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tieħu d-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' ffriżar, jew li tikkonsulta mal-awtorità emittenti skont l-Artikolu 18(2), kemm jista' jkun malajr u, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, mhux aktar tard minn 24 siegħa wara li l-awtorità ta' eżekuzzjoni tkun irċeviet l-ordni ta' ffriżar.

4. Jekk l-awtorità ta' eżekuzzjoni tikkonsulta mal-awtorità emittenti skont l-Artikolu 18(2), l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tieħu d-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' ffriżar mingħajr dewmien.

5. L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tikkomunika d-deċiżjoni dwar ordni ta' ffriżar lill-awtorità emittenti mingħajr dewmien permezz ta' kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub.

6. Sakemm ma jeżistux raġunijiet għal posponiment skont l-Artikolu 20, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha twettaq l-iffriżar mingħajr dewmien u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, mhux aktar tard minn 24 siegħa wara t-teħid tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

7. Fejn mhux possibbli f'każ speċifiku li jiġu ssodisfati l-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafi 3 jew 6, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha, b'mod immedjat u bi kwalunkwe mezz, tinforma lill-awtorità emittenti bir-raġunijiet għad-dewmien u għandha tikkonsulta mal-awtorità emittenti dwar iż-żmien xieraq biex jitwettaq l-iffriżar.

*Artikolu 20*

**Il-posponiment tal-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar**

1. L-awtorità ta' eżekuzzjoni tista' tipposponi l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' ffriżar trażmessa skont l-Artikolu 14 meta:

   (1) it-twettiq tagħha jista' jagħmel ħsara lil investigazzjoni kriminali li tkun għaddejja, sa dak iż-żmien li jidhrilha raġonevoli;

   (2) il-proprjetà tkun diġà s-suġġett ta' ordni ta' ffriżar u sakemm dawn l-ordnijiet ma jiġux imneħħija; jew

   (3) il-proprjetà tkun diġà soġġetta għal ordni maħruġa fil-kuntest ta' proċedimenti oħrajn fl-Istat ta' eżekuzzjoni u sakemm ma titneħħiex din l-ordni.

   (4) Madankollu, dan il-punt għandu japplika biss meta dan il-mandat ikollu l-prijorità fuq mandati oħra sussegwenti għall-iffriżar fi proċedimenti kriminali skont il-liġijiet nazzjonali.

2. L-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha b'mod immedjat tagħmel rapport lill-awtorità emittenti permezz ta' kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub dwar il-posponiment tal-eżekuzzjoni tal-ordni, inklużi r-raġunijiet għall-posponiment u, jekk possibbli, iż-żmien kemm mistenni jdum il-posponiment. Hekk kif ir-raġuni għal posponiment ma tibqax teżisti, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha minnufih tieħu l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-ordni u tinforma lill-awtorità emittenti tagħha permezz ta' kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub.

*Artikolu 21*

**L-obbligu li tingħata informazzjoni lill-partijiet interessati**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22, wara l-eżekuzzjoni, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-persuna li kontriha nħarġet ordni ta' ffriżar u lil kwalunkwe parti interessata, inklużi partijiet terzi bona fede li bihom tkun ġiet informata l-awtorità ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 14(6).

2. In-notifika għandha tinkludi informazzjoni, għall-inqas fil-qosor, dwar ir-raġunijiet tal-ordni ta’ ffriżar, dwar l-awtorità li ħarġet l-ordni u dwar ir-rimedji legali eżistenti taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat ta’ eżekuzzjoni.

*Artikolu 22*

**Il-kunfidenzjalità**

1. Fl-eżekuzzjoni ta’ ordni ta’ ffriżar, l-awtorità emittenti u l-awtorità ta’ eżekuzzjoni għandhom jikkunsidraw b’mod dovut il-kunfidenzjalità tal-investigazzjoni.

2. L-awtorità ta’ eżekuzzjoni għandha, skont il-liġi nazzjonali tagħha, tiggarantixxi l-kunfidenzjalità tal-fatti u s-sustanza tal-ordni ta’ ffriżar, bl-eċċezzjoni ta’ dak li jkun meħtieġ biex twettaqha. Jekk l-awtorità ta’ eżekuzzjoni ma tkunx tista’ tikkonforma mar-rekwiżit ta’ kunfidenzjalità, hija għandha tinnotifika lill-awtorità emittenti b’mod immedjat.

3. Sabiex jiġu salvagwardjati investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin, l-awtorità emittenti tista’ titlob lill-awtorità ta’ eżekuzzjoni sabiex iżżomm l-eżekuzzjoni tal-ordni ta’ ffriżar kunfidenzjali għal perjodu limitat ta’ żmien.

*Artikolu 23*

**It-tul ta’ żmien tal-ordnijiet ta’ ffriżar**

1. Il-proprjetà għandha tibqa’ ffriżata fl-Istat ta’ eżekuzzjoni sakemm l-awtorità kompetenti ta’ dak l-Istat twieġeb b’mod definittiv għal ordni ta’ konfiska trażmessa skont l-Artikolu 4 jew l-awtorità emittenti tkun infurmat lill-awtorità ta’ eżekuzzjoni bi kwalunkwe deċiżjoni jew miżura li bħala riżultat tagħha l-ordni tieqaf milli tkun tista’ tiġi infurzata jew tiġi rtirata, skont l-Artikolu 30(1).

2. Wara li tikkonsulta mal-awtorità emittenti, l-awtorità ta’ eżekuzzjoni, waqt li tikkunsidra ċ-ċirkostanzi tal-każ, tista’ tagħmel talba motivata lill-awtorità emittenti biex jiġi limitat il-perjodu li għalih għandha tkun iffriżata l-proprjetà. Jekk l-awtorità emittenti ma taqbilx ma’ din il-limitazzjoni, hija għandha tinforma lill-awtorità ta’ eżekuzzjoni b’dan billi tiddikjara r-raġunijiet tagħha. Jekk l-awtorità emittenti ma tagħmilx dan fi żmien sitt ġimgħat mill-wasla tat-talba, l-awtorità ta’ eżekuzzjoni tista’ tneħħi l-ordni ta’ ffriżar.

*Artikolu 24*

**L-impossibbiltà li tiġi eżegwita ordni ta’ ffriżar**

Meta teżisti l-impossibbiltà tal-eżekuzzjoni tal-ordni ta’ ffriżar, minħabba li l-proprjetà li għandha tiġi ffriżata tkun diġà ġiet ikkonfiskata, sparixxiet, ġiet distrutta jew ma tistax tinstab fil-post indikat fiċ-ċertifikat jew minħabba li l-post fejn tinstab il-proprjetà ma ġiex indikat b’mod preċiż biżżejjed, anki wara konsultazzjoni mal-awtorità emittenti, l-awtorità emittenti għandha tiġi nnotifikata mingħajr dewmien.

*Artikolu 25*

**Ir-rapportar**

L-awtorità ta’ eżekuzzjoni għandha tirrapporta dwar il-miżuri meħuda għall-eżekuzzjoni tal-ordni ta’ ffriżar u r-riżultati tagħhom, inkluża deskrizzjoni tal-proprjetà ffriżata u stima tal-

valur tagħha, lill-awtorità emittenti fi żmien tlett ijiem mill-eżekuzzjoni tal-ordni permezz ta' kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub.

# KAPITOLU IV

# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 26*

**Liġi li tirregola l-eżekuzzjoni**

1. L-eżekuzzjoni tal-ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska għandha tiġi regolata mil-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni u l-awtoritajiet tiegħu għandu jkollhom il-kompetenza biss biex jiddeċiedu dwar il-proċeduri għal eżekuzzjoni u biex jiddeterminaw il-miżuri kollha li għandhom x'jaqsmu magħha.

2. Ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska maħruġa kontra persuna ġuridika għandha tiġi eżegwita anki jekk l-Istat ta' eżekuzzjoni ma jirrikonoxxix il-prinċipju tar-responsabbiltà kriminali ta' persuni ġuridiċi.

3. Minkejja l-Artikolu 8 (2) u (3), l-Istat ta' eżekuzzjoni jista' ma jimponix miżuri bħala alternattiva għall-ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska bħala riżultat ta' trażmissjoni skont l-Artikoli 4, u 14, sakemm l-Istat emittenti ma jkunx ta l-kunsens tiegħu.

*Artikolu 27*

**Notifika lill-awtoritajiet kompetenti**

1. Sa *[id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]*, kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni liema awtorità jew awtoritajiet, kif definit fl-Artikolu 2 (8) u (9), huma kompetenti skont il-liġi nazzjonali tiegħu, meta dak l-Istat Membru jkun:

   (a) l-Istat emittenti, jew

   (b) l-Istat ta' eżekuzzjoni.

2. Kull Stat Membru jista' jaħtar, jekk ikun neċessarju minħabba l-organizzazzjoni tas-sistema interna tiegħu, awtorità ċentrali waħda jew aktar responsabbli għat-trażmissjoni u r-riċezzjoni amministrattivi tal-ordnijiet ta' ffriżar jew ta' konfiska u biex jassistu lill-awtoritajiet kompetenti. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'dan.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-Istati Membri kollha l-informazzjoni li tkun irċeviet.

*Artikolu 28*

**Il-komunikazzjoni**

1. Fejn meħtieġ, l-awtorità emittenti u l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandhom jikkonsultaw ma' xulxin, bi kwalunkwe mezz xieraq, sabiex jassiguraw l-applikazzjoni effiċjenti ta' dan ir-Regolament.

2. Il-komunikazzjonijiet kollha, inklużi dawk maħsuba biex jindirizzaw diffikultajiet li jikkonċernaw it-trażmissjoni jew l-awtentiċità ta' kwalunkwe dokument meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska, għandhom jitwettqu permezz

ta' kuntatt dirett bejn l-Istat emittenti u l-awtorità ta' eżekuzzjoni involuta jew, meta l-Istat Membru jkun ħatar awtorità ċentrali skont l-Artikolu 27(2), bl-involviment ta' din l-awtorità ċentrali.

*Artikolu 29*

**Ordnijiet multipli**

1. Jekk l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni qed jipproċessaw żewġ ordnijiet ta' ffriżar jew ta' konfiska jew aktar li jikkonċernaw ammont ta' flus, li nħarġu kontra l-istess persuna fiżika jew ġuridika, u l-persuna kkonċernata ma għandhiex biżżejjed mezzi fl-Istat ta' eżekuzzjoni li jippermettu biex l-ordnijiet kollha jitwettqu, id-deċiżjoni dwar liema mill-ordnijiet tista' jew jistgħu jiġu eżegwiti għandha tittieħed mill-awtorità ta' eżekuzzjoni skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni, bil-kunsiderazzjoni dovuta taċ-ċirkostanzi kollha.

   Dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jinkludu l-interessi tal-vittmi, l-involviment ta' assi ffriżati, id-dati rispettivi tal-ordnijiet u d-dati ta' trażmissjoni tagħhom u l-gravità relattiva u l-post tar-reat.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni jipproċessaw żewġ ordnijiet ta' ffriżar jew ta' konfiska jew aktar li jikkonċernaw l-istess partita speċifika ta' proprjetà.

*Artikolu 30*

**Tmiem ta' eżekuzzjoni**

L-awtorità emittenti għandha tinforma b'mod immedjat lill-awtorità ta' eżekuzzjoni permezz ta' kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub, dwar kwalunkwe deċiżjoni jew miżura li bħala riżultat tagħha l-ordni tieqaf milli tkun tista' tiġi infurzata jew tiġi rtirata għal kwalunkwe raġuni oħra.

L-Istat ta' eżekuzzjoni għandu jtemm l-eżekuzzjoni tal-ordni malli jiġi infurmat mill-awtorità emittenti b'din id-deċiżjoni jew miżura.

*Artikolu 31*

**Il-ġestjoni u l-allokazzjoni ta' proprjetà ffriżata u kkonfiskata**

1. L-Istat ta' eżekuzzjoni għandu jamministra l-proprjetà ffriżata jew ikkonfiskata bil-ħsieb li jiġi evitat id-deprezzament tagħha fil-valur, u skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/42/UE.

2. Sakemm l-ordni ta' konfiska ma tkunx akkumpanjata minn deċiżjoni għall-kumpens tal-vittma, jew sakemm ma jkunx hemm qbil ieħor mal-Istati Membri involuti, b'kunsiderazzjoni wkoll għall-ħtieġa li tiġi pprovduta assistenza għall-irkupru ta' talbiet tat-taxxa skont id-Direttiva 2010/24/UE, flus li nkisbu mill-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska għandhom jiġu allokati mill-Istat ta' eżekuzzjoni hekk kif ġej:

   (a) jekk l-ammont miksub mill-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska huwa daqs jew inqas minn EUR 10 000, l-ammont għandu jmur għand l-Istat ta' eżekuzzjoni;

   (b) jekk l-ammont miksub mill-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska huwa aktar minn EUR 10 000, 50 % tal-ammont għandu jiġi ttrasferit mill-Istat ta' eżekuzzjoni lill-Istat emittenti.

3. Meta awtorità ġudizzjarja tal-Istat emittenti tkun ħarġet deċiżjoni għall-kumpens jew għar-restituzzjoni tal-vittma, is-somma korrispondenti, sakemm ma teċċedix is-somma kkonfiskata, għandha tmur għand l-Istat emittenti għall-iskopijiet ta' kumpens jew ta' restituzzjoni tal-vittma. Kwalunkwe proprjetà li jkun fadal għandha tiġi allokata skont il-paragrafu 2.

4. Proprjetà oħra minbarra flus, li nkisbet b'riżultat tal-eżekuzzjoni tal-ordni ta' konfiska, għandha tiġi allokata skont ir-regoli stabbiliti fil-punti (a) sa (e).

(a) Il-proprjetà tista' tinbiegħ; f'dak il-każ, il-qligħ mill-bejgħ għandu jiġi allokat skont il-paragrafu 2.

(b) Il-proprjetà tista' tiġi trasferita lill-Istat emittenti; jekk l-ordni ta' konfiska tkopri ammont ta' flus, il-proprjetà tista' tiġi trasferita biss lill-Istat emittenti meta l-awtorità emittenti tkun tat il-kunsens tagħha.

(c) Il-proprjetà tista' tintuża għall-interess pubbliku jew għal skopijiet soċjali fl-Istat ta' eżekuzzjoni skont il-liġijiet tagħha, soġġett għall-qbil tal-Istat emittenti.

(d) Meta mhux possibbli li jiġi applikat il-punt (a) jew (b), il-proprjetà tista' tiġi allokata mod ieħor skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

(e) Meta awtorità ġudizzjarja tal-Istat emittenti tkun ħarġet deċiżjoni għar-restituzzjoni tal-proprjetà lill-vittma, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li l-proprjetà tingħata lura lill-vittma; meta ma jkunx possibbli li l-proprjetà tingħata lura lill-vittma, il-valur tal-proprjetà għandu jmur għand l-Istat emittenti għall-iskopijiet ta' restituzzjoni lill-vittma u kwalunkwe proprjetà oħra għandha tiġi allokata skont il-paragrafu 2.

5. L-awtorità emittenti għandha tikkomunika d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafi 3 u 4(d) lill-awtorità ta' eżekuzzjoni. Jekk proċedura biex tiġi kumpensata jew restitwita vittma hija pendenti fl-Istat emittenti, l-Istat ta' eżekuzzjoni għandu jżomm id-dispożizzjoni tal-proprjetà kkonfiskata sakemm id-deċiżjoni tiġi kkomunikata lill-awtorità ta' eżekuzzjoni.

*Artikolu 32*

**Spejjeż**

1. L-Istati Membri ma jistgħux jitolbu mingħand xulxin ir-rimborż ta' spejjeż li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Fejn l-Istat ta' eżekuzzjoni kellu spejjeż li jikkunsidra kbar jew eċċezzjonali, l-awtorità ta' eżekuzzjoni tista' tipproponi lill-awtorità emittenti li l-ispejjeż jinqasmu. L-awtorità emittenti għandha tikkunsidra kwalunkwe proposta bħal din abbażi ta' speċifikazzjonijiet dettaljati mogħtija mill-awtorità ta' eżekuzzjoni.

*Artikolu 33*

**Rimedji legali fl-Istat ta' eżekuzzjoni kontra r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni**

1. Kwalunkwe parti interessata, inklużi partijiet terzi bona fide, għandu jkollha rimedji legali, inkluż dawk previsti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/42/UE, kontra r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordni skont l-Artikoli 8 u 17, sabiex jiġu ppreservati d-drittijiet tagħha. Ir-rimedju legali għandu jitressaq quddiem qorti fl-

Istat ta' eżekuzzjoni skont il-liġi nazzjonali tiegħu. L-azzjoni jista' jkollha effett ta' sospiża taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

2. Ir-raġunijiet sostantivi għall-ħruġ tal-ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska ma jistgħux jiġu kkontestati quddiem qorti fl-Istat ta' eżekuzzjoni.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti għandha tiġi infurmata dwar kwalunkwe rimedju legali ppreżentat skont il-paragrafu 1.

*Artikolu 34*

**Rimborż**

1. Fejn l-Istat ta' eżekuzzjoni taħt il-liġi nazzjonali tiegħu huwa responsabbli għal korriment ikkawżat lil waħda mill-partijiet interessati msemmija fl-Artikolu 33 minħabba l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska trażmessa lilu skont l-Artikoli 4 u 14, l-Istat emittenti għandu jirrimborża lill-Istat ta' eżekuzzjoni kwalunkwe somom imħallsa lill-parti interessata f'danni minħabba dik ir-responsabbiltà ħlief jekk, u sal-limitu li, il-korriment jew kwalunkwe parti minnu huwa esklussivament ir-riżultat tal-kondotta tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

2. Il-paragrafu 1 huwa mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Istati Membri dwar talbiet minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi għal kumpens għal ħsara.

# *KAPITOLU V*

# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 35*

**Statistika**

L-Istati Membri għandhom jiġbru u jżommu b'mod regolari statistika komprensiva mill-awtoritajiet rilevanti. L-istatistika miġbura għandha tintbagħat lill-Kummissjoni kull sena u għandha tinkludi, flimkien ma' dawk previsti fl-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2014/42/UE:

(a) l-għadd ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska riċevuti minn Stat Membru ieħor;

(b) l-għadd ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska riċevuti minn Stat Membru ieħor, li r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tagħhom ġew irrifjutati;

(c) l-għadd ta' każijiet fejn il-vittma kienet ikkumpensata jew restitwita mill-proprjetà miksuba mill-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska skont dan ir-Regolament;

(d) it-tul medju tal-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 36*

**Emendi liċ-ċertifikat u lill-formola**

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 37 li jikkonċernaw kwalunkwe emenda għaċ-ċertifikat u għall-formola stabbiliti fl-Annessi I u II.

*Artikolu 37*

**Eżerċizzju ta' delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 36 għandha tingħata għal perjodu ta' żmien indeterminat mill-*[Data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]*.

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 36 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewrope*a jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex ikollha effett fuq il-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 36 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jqajmu oġġezzjoni għalih fi żmien xahrejn (2) minn meta dak l-att jiġi mgħarraf lilhom jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'*[xahrejn (2)]* fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 38*

**Klawżola ta' reviżjoni**

Mhux aktar tard minn *[ħames snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]*, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jekk ikun meħtieġ, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti għal adattament ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 39*

**Sostituzzjoni**

Dan ir-Regolament jissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru 2003/577/ĠAI u d-Deċiżjoni Kwadru 2006/783/ĠAI bejn l-Istati Membri marbuta b'dan ir-Regolament minn *[data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]*.

*Artikolu 40*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika minn [*id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament u sitt xhur magħha*], bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 27, li għandu japplika minn [*id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |